MALTA

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

ONOR. IMHALLEF
GINO CAMILLERI

ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE

ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Numru 2/1995

Ir-Repubblika ta' Malta

v.

John Polidano
... omissis ...
... omissis ...
Silvio sive Saviour Pace

Il-Qorti:

Rat is-sentenza moghtija fil-11 ta' Frar 2002 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Rat l-Att ta' Akkuza 2/1995.

Rat it-tlett verdetti moghtija separatament mill-Guri fid-9 ta' Frar, 2002, fil-konfront ta' kull wiehed mill-fuq imsemmija **John Polidano, Vincent sive Censu Spiteri u Silvio sive Salvatore Pace,** li bih sab:

A. **Lill-John Polidano:**

1. Bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra, **HATI**, u dana bhala komplici biss, ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap;

2. Unanimament **HATI**, u dana bhala komplici biss, ta' l'akkuza taht ir-Raba Kap.

B. **Lill-Vincent sive Censu Spiteri**:

1. Bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra, **HATI**, u dana bhala komplici biss, ta' l-akkuza taht it-Tielet Kap (Kap Alternattiv ghall-Ewwel u t-Tieni Kapi), izda minghajr ic-cirkostanza li dak l-hruq qabbad il-bini, gharix jew lok iehor;

2. Unanimament **HATI**, u dana bhala komplici biss, ta' l-akkuza taht ir-Raba Kap.

C. **Lill-Silvio sive Salvatore Pace**

1. B'seba (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra, **HATI** ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap;

2. Unanimament **HATI** ta' l-akkuza taht ir-Raba Kap; u

3. Unanimament iddikjarah u sab li huwa recidiv.

Rat illi hames (5) Gurati minn disgha (9) talbu lil din il-Qorti li tuza l-klemenza taghha ma' John Polidano, li erba (4) Gurati minn disgha (9) talbu lil din il-Qorti li tuza l-

klemenza taghha ma Vincent sive Censu Spiteri, u li l-Gurati kollha, unanimament, talbu lil din il-Qorti tuza l-klemenza taghha ma' Silvio sive Salvatore Pace.

Tiddikjara ghalhekk lill:

1. **JOHN POLIDANO <u>hati</u>** talli:

A. Bhala komplici biss, dolozament, b'sustanza esploziva, ghamel esplozzjoni li tista' tqieghed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b'dan li b'dan il-fatt persuna tilfet hajjitha;

B. Bhala komplici biss, flimkien ma' ohrajn, bil-hsieb li jiksbu ghalihom innifishom, jew ghall-haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggew, xerrdu l'hawn u l'hemm jew gharrqu b'xi mod li jkun, hwejjeg taghhom.

2. **VINCENT SIVE CENSU SPITERI <u>hati</u>** talli:

A. Bhala komplici biss, volontarjament ta n-nar lill-bini, gharix, jew lok iehor (dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor), izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, jew volontarjament ta n-nar lill-materjal li jaqbad, u dan il-bini, gharix jew lok iehor, jew dan il-materjal, ikun qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lill-bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa jkun hemm persuna, **izda minghajr ic-cirkostanza li dak il-hruq qabbad il-bini, gharix jew lok iehor;**

B. Bhala komplici biss, flimkien ma' ohrajn, bil-hsieb li jiksbu ghalihom innifishom, jew ghall-haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggew, xerrdu l'hawn u l'hemm, jew gharrqu b'xi mezz li jkun, hwejjeg taghhom.

3. **SILVIO SIVE SALVATORE PACE <u>hati</u>** talli:

A. Dolozament, b'sustanza esploziva, ghamel esplozzjoni li tista' tqieghed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b'dan li b'dan il-fatt persuna tilfet hajjitha;

B. Flimkien m'ohrajn, bhala awtur, bil-hsieb li jiksbu ghalihom innfushom, jew ghall-haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggew, xerrdu l'hawn u l'hemm jew gharrqu b'xi mezz li jkun, hwejjeg taghhom;

C. Sar Recidiv billi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' l-24 ta' April, 1989, fl-ismijiet 'Il-Pulizija –vs- Silvio Pace', hu kien gie misjub hati ta' diversi reati, fosthom tentattiv ta' serq aggravat u kien gie kundannat ghall-tlett snin prigunerija.

Semghet lix-xhieda prodotti kemm minn naha tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll minn naha tal-hati Vincent sive Censu Spiteri, u dan ghall-fini tal-piena.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena maghmulha kemm mill-Avukat Prosekutur Dr. Anthony Barbara, kif ukoll mill-Avukati Difensuri tal-hatja, u cioe' Dr. Joseph Mifsud ghall-hati John Polidano, Dr. Michael Sciriha ghall-hati Vincent sive Censu Spiteri, u Dr. Malcolm Mifsud ghall-hati Silvio sive Salvatore Pace, rispettivament.

Hadet in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, fosthom is-segwenti:

1. Illi d-delitti li bihom gew akkuzati John Polidano, Vincent sive Censu Spiteri, w Silvio sive Salvatore Pace, partikolarment dawk taht l-Ewwel Kap (Esplozzjoni taht l-Artikolu 311 tal-Kap. 9), taht it-Tieni Kap bhala Kap Alternattiv ghall-Ewwel Kap, u taht it-Tielet Kap bhala Kap Alternattiv ghall-Ewwel u t-Tieni Kapi (Nar biss, minghajr esplozzjoni, taht l-Artikoli 316 u 317 tal-Kap. 9 rispettivament), huma kollha Delitti Kontra S-Sigurta' Pubblika w Fuq Hsarat Fil-Propjeta', u huma delitti li gja fihom innifishom, di natura propja, huma ferm gravi w serji hafna.

2. Illi dawn l-istess delitti jigu aggravati meta bhala konsegwenza naturali tal-fatt li jikkostitwixxi l-att materjali ta' kull wiehed minnhom ikun hemm il-mewt ta' xi persuna, ghalkemm din ma tkunx wahda intenzjonata.

3. Illi fil-kaz odjern, dak kollu li gara fl-incident li sehh ghall-habta tat-3.30 ta' filghodu fil-pjazza centrali ta' Rahal Gdid fil-lejl ta' bejn is-17 u it-18 ta' Marzu, 1992, kwazi ghaxar (10) snin ilu, kien biss ir-rizultat ta' pjan, ta' mezz, biex tigi defrawdata s-socjeta' assikuratrici li kienet tkopri l-hanut 'Oxford Photo Studio', li kien sitwat fl-imsemmija pjazza, u li kien ilu gestit ghall-xi erbatax (14) il-sena cirka mill-hati John Polidano.

4. Illi f'dan il-pjan imsemmi ta' frodi ghad-dannu ta' socjeta' assikuratrici, kif jirrizulta issa wara s-smiegh tal-provi w l-verdett tal-Guri fuq kull wiehed mill-fuq imsemmija tlett persuni akkuzati w misjuba hatja f'dawn il-proceduri, ippartecipaw fih l-istess hati John Polidano w z-zewg hatja l-ohra Vincent sive Censu Spiteri w Silvio sive Salvatore Pace.

5. Illi ghalhekk ir-raguni jew movent wara dan il-pjan ta' frodi ghad-dannu tas-socjeta' assikuratrici kien unikament il-gwadann finanzjarju li kien sejjer jaghmel John Polidano, u l-kumpens finanzjarju li z-zewg hatja l-ohra kienu gew imweghda li jinghataw wara li dan il-pjan ikun irnexxa w/jew jsir il-hlas mis-socjeta' assikuratrici.

6. Illi ai termini tal-verdett moghti ghall-kull hati, hu car li sabiex jilhqu dan l- iskop ta' gwadann finanzjarju, xi persuni minn dawk misjuba hatja ma qiesu xejn, jew ma kien jimpurtahom xejn mill-konsegwenzi li l-mezz li effettivament gie wzat biex jintlahaq dan l-iskop setgha igib, u li fil-fatt gab, cioe', il-hsarat konsiderevoli ta' eluf ta' liri li garrbu diversi postijiet vicin u adjacenti l-imsemmi hanut ta' John Polidano, fosthom il-qerda totali ta' dan il-hanut, tal-kazin u bar tal-Malta Labour Party, tal-Catholic Book Shop, tas-sezzjoni tal-bniet ta' l-Azzjoni Kattolika, tal-flats numerati 2 u 5 mill-blokk ta' appartamenti 'St. Andrew's Flats', Zabbar Road, Paola, u hsarat ohra

f'diversi postijiet ohra fil-vicinanzi ta' l-incident, kif ukoll il-mewt ta' zewg persuni, Yvette Bonnici w binha Sean, li fil-hin ta' l-incident kienu reqdin fil-kwiet ta' darhom, u cioe' fil-flat 5 tal-imsemmi blokk ta' appartamenti u fejn maghhom kien hemm Vincent Bonnici, zewg Yvette w missier Sean Bonnici, li, izda, sofra biss griehi mhux ta' natura gravi.

7. Illi il-verdett moghti mill-Guri ghar-rigward tat-tlett hatja juri b'mod ferm car ukoll is-sehem ta' kull wiehed minnhom fil-mezz li kien originarjament ippjanat li kellu jigi wzat biex jintlahaq l-iskop tal-gwadann finanzjarju, u f'dak li effettivament intuza.

8. Illi dan il-verdett juri, per ezempju, li l-partecipazzjoni tal-hati Vincent sive Censu Spiteri kienet dik ta' sensar li sab persuna jew persuni biex skond il-hsieb komuni li hu kellu mal-partecipanti l-ohra, dawn fizikament kellhom jaghtu biss in-nar lil xi stokk antik li kien hemm fil-hanut tal-hati Polidano.

9. Illi minn naha l-ohra, dan il-verdett, fil-kaz tal-hatja John Polidano w Silvio sive Salvatore Pace, juri li l-Guri kien moralment konvint li, ghall-anqas fil-mument ta' l-att li wassal ghall-esplozzjoni, jekk mhux minn qabel ukoll, dawn ghamlu xi haga ohra, li ma kienetx tifforma parti mill-hsieb komuni, u dan meta Censu Spiteri ma kien jaf b'xejn, l-ghaliex f'dak il-hin hu kien rieqed d-dar tieghu mal-familja tieghu, liema haga ohra rrendiet aktar gravi d-delitt, cioe', id-delitt taht l-Ewwel Kap, dak ta' l-esplozzjoni maghmula dolozament b'sustanza esplozziva li tista tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew tghamel hsara gravi fi hwejjeg haddiehor, u mhux aktar id-delitt ta' hruq biss kif kontemplat fit-Tieni w it-Tielet Kapi.

10. Illi l-fatti rizultanti minn dan l-incident juru li dak li gara effettivament kien ferm aktar mill-hruq biss ta' dan l-istokk antik li kien hemm fil-hanut tal-hati John Polidano, dan ghaliex fil-fatt saret esplozzjoni ferm qawwija li gabet l-konsegwenzi msemmija qabel, inkluza l-mewt ta' tnejn minn nies.

11. Illi l-verdett kif moghti mill-Guri ghar-rigward il-hati Vincent sive Censu Spiteri juri li l-Guri hawnhekk applika dak li jghid l-Artikolu 45 tal-Kodici Kriminali, fis-sens li skond il-ligi, komplici f'delitt ma jkunx ukoll kriminalment responsabbli daqs l-awtur jew komplici iehor fid-delitt meta, ad insaputa tieghu, xi hadd minn dawn imsemmija jaghmel xi haga li jirrendi d-delitt aktar gravi. Fil-fatt fid-delitt kif misjub hati tieghu Vincent sive Censu Spiteri, ic-cirkostanza tal-mewt ta' xi persuna jew aktar mhiex xi cirkostanza aggravanti peress li l-Guri ddecieda li n-nar ma kienx ikkomunika jew infirex fil-post fejn kienet il-familja Bonnici, u allura, ic-cirkostanza tal-mewt ta' persuna jew persuni, f'dan il-kaz, fejn in-nar ma kienx qabbad il-post fejn kienet din il-persuna jew persuni, hija rrilevanti, fis-sens li dan il-hati mhuwiex responsabbli ghal din ic-cirkostanza, kif huma responsabbli, mill-banda l-ohra, l-hatja l-ohra taht l-ewwel Kap. Id-delitt li tieghu gie misjub hati Vincent sive Censu Spiteri hu dak kontemplat fl-Artikolu 317 (b) tal-Kodici Kriminali.

12. Illi l-fatt li l-Guri sab lill-John Polidano w Silvio sive Salvatore Pace hatja tad-delitt taht l-Ewwel Kap, dak ta' l-esplozzjoni, filwaqt li sab lill-Vincent sive Censu Spiteri hati taht it-Tielet Kap, dak tan-nar biss (minghajr esplozzjoni) u minghajr ic-cirkostanza li dan in-nar fil-fatt qabbad il-post fejn kienet il-familja Bonnici, juri b'mod evidenti li l-Guri kien sab li f'dak li ghamlu John Polidano w Silvio sive Salvatore Pace, huma kienu marru oltra l-hsieb komuni originali tal-hruq biss, u dan meta Vincent sive Censu Spiteri ma kien jaf b'xejn.

13. Illi l-verdett moghti mill-Guri ghar-rigward ta' kull wiehed mill-hatjin, apparti li dan hu verdett ferm car li juri li l-Guri fehem u sab x'kienet effettivament il-partecipazzjoni ta' kull wiehed mill-hatjin u safejn din il-partecipazzjoni ta' kull wiehed minnhom kienet twassal ghal dik li hi responsabilita' kriminali, hu wkoll verdett ferm qawwi w jirrifletti sewwa l-gravita' ta' l-agir tal-hatja w tad-delitti li kull wiehed minnhom wettaq, u skond kif misjuba hatja, cioe' riferibbilment ghal dak li fil-fatt kienet il-partecipazzjoni ta' kull wiehed minnhom individwalment.

14. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u tal-konsegwenzi dizastruzi w tragici, din il-Qorti ma tistghax issa, wara verdett hekk car u qawwi, ma tesprimiex ukoll l-istmerrija taghha ghal dan l-agir ferm irresponsabbli tal-hatja kollha.

15. Illi hu f'dan l-isfond li f'dawn il-proceduri, in vista tal-fatti li rrizultaw, in vista tal-konsegwenzi gravissimi li segwew, in vista tal-fatt li dak li ghamlu l-hatja ghamluh ghaliex raw biss xi gwadann finanzjarju ghalihom **'minn din il-bicca xoghol'** (kif giet deskritta fl-istqarrijiet taghhom), u ma qiesu xejn aktar, il-Qorti tara li ghalkemm il-Guri talabha li turi l-klemenza taghha mal-hatja, klemenza li f'okkazzjonijiet ohra precedenti hi ma kellha ebda ezitazzjoni li taghti minhabba xi cirkostanzi partikolari f'dawk l-okkazzjonijiet, u liema klemenza ghalhekk hi taghti biss fid-diskrezzjoni taghha skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz ai termini ta' l-Artikolu 484 tal-Kodici Kriminali, liema Artikolu jesigi li l-Guri, jew anke jekk ikun Gurat wiehed biss, dawn ghandhom jaghtu r-raguni l-ghaliex qed issir it-talba ghall-klemenza, liema raguni ma nghatatx f'dawn il-proceduri, tara, pero', li f'dan il-kaz odjern partikolari, ghar-ragunijiet gja' msemmija minnha, apparti l-hsarat konsiderevoli li gew kagunati lid-diversi propjetajiet, izda partikolarment minhabba l-fatt tragiku li f'dan l-incident u bhala konsegwenza diretta ta' l-esplozzjoni zewg persuni, cioe' Yvette Bonnici, omm zaghzugha ta' 24 sena, u binha Sean Bonnici, tarbija ta' dsatax il-xahar, innocentement tilfu hajjithom meta spiccaw mirduma taht id-debris li waqa' meta iggarrfu ghall-kollox il-flat taghhom stess fejn kienu joqghodu, il-flat numru 5 tal-blokk ta' appartamenti msemmija qabel, u l-fatt numru 2 li kien taht dak taghhom, tara, ghalhekk, taht dawn ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, li fid-diskrezzjoni taghha konxjenzjosament ma tistghax tikkunsidra jew tilqa' din it-talba tal-Guri w dan ghar-rigward il-hatja kollha. Il-bini distrutt, minkejja li kien hemm eluf kbar ta' liri f'danni, fil-maggjor parti tieghu rega' telgha mill-gdid, u llum prattikament kollox jinsab ghan-normal fejn sehh dan l-incident. Ghal kuntrarju, Yvette Bonnici u binha Sean mietu w hadd ma jista' jerga' jgibhom lura. Kull ma jibqa taghhom hija l-memorja f'mohh il-familjari, tifkira ta' niket u dwejjaq kbar u bla

limitu ghal din il-mewt hekk tragika w bla bzonn, kagunata biss minhabba il-kilba ghall-flus ta' haddiehor.

16. Hu propju ghalhekk, mela, li f'dan il-kaz hekk serju w gravi, bil-fattispecie w cirkostanzi partikolari tieghu, li l-Qorti thoss li ghal dik li hija l-piena adegwata li ghandha tigi applikata, din ghandha tkun propju dik massima li l-ligi stess tistabbilixxi ghad-delitt li kull akkuzat gie misjub hati tieghu mill-Guri.

17. Tixtieq tirrileva li meta din il-Qorti giet biex tara liema piena hija adegwata fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha li semmiet, hi kkunsidrat dak li qalu x-xhieda prodotti illum, kemm dawk prodotti minn naha tal-hati, Vincent Spiteri , cioe' Anthony Bezzina w Monica Fenech, kemm ukoll ix-xhud prodotta minn naha tal-prosekuzzjoni, cioe' Frances Camilleri li tigi oht il-mejta Yvette Bonnici, izda wzat biss id-diskrezzjoni taghha bazata fuq il-buon sens, fuq dak li hi tara li tassew jaghmel gustizzja. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar x'piena ghandha taghti f'dawn ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u qieset sewwa l-fattur li l-piena ghandha tirrifletti l-verdett car u qawwi li nghata, li veru, pero', ma kienx wiehed unanimu. Il-piena li sejra tigi nflitta minn din il-Qorti certament mhiex xi piena bazata fuq xi forma ta' vendikazzjoni jew tpattija, izda hija unikament bazata fuq dak li trid u tistabbilixxi l-gustizzja, gustizzja li tassew ghandha tidher apertament li qed tigi mharsa w amministrata, u dan biex jinholoq sens ta' bilanc, u fl-istess hin tkun fl-interess kemm ta' l-istess persuni misjuba hatja, fl-interess tas-socjeta', u mhux anqas fl-interess tal-vittmi.

18. Ikkunsidrat kull cirkostanza ohra li dehrilha rilevanti.

Ghalhekk ghar-rigward l-hatja **John Polidano w Silvio sive Salvatore Pace**, dan ta' l-ahhar tenut kont li huwa recidiv ukoll, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 17 (a), 42, 45, 49, 50, 311, 312 (1), 295, u 533 tal-Kodici Kriminali, tiddeciedi billi tikkundanna lil kull wiehed minnhom ghall-piena ta' ghomor prigunerija.

Ghar-rigward il-hati **Vincent sive Censu Spiteri,** wara li rat l-Artikoli 17, 42, 45, 295, 317, 317 (b) u 533 tal-Kodici Kriminali, tiddeciedi billi tikkundannah ghall-hames (5) snin prigunerija mil-lum, u dan minghajr l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali.

Inoltre ghar-rigward l-ispejjes peritali konnessi ma' dawn il-proceduri, ammontanti globalment ghas-somma ta' erbat elef, tlett mija, tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm4,398.65c), il-Qorti tikkundanna (1) lill-**John Polidano** sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-ammont ta' elf, erba mija, sitta w sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm1,466.22c), sehmu minn dawn l-ispejjes peritali, (2) lill-**Vincent sive Censu Spiteri** sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-ammont ta' elf, erba mija, sitta w sittin lira Maltin, u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm1,466.22c), sehmu minn dawn l-ispejjes peritali, u (3) lill-**Silvio sive Salvatore Pace** sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-ammont ta' elf, erba mija, sitta w sittin lira maltin, u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm1,466.22c), sehmu minn dawn l-ispejjes peritali, b'dan li jekk ma jsirx dan il-hlas fiz-zmien prefiss, dawn l-ispejjes peritali jistghu jigi konvertiti fi zmien ta' prigunerija ulterjuri skond il-ligi, u salv kull provvediment iehor li tista' tiehu din il-Qorti."

Rat li minn din is-sentenza John Polidano nterpona appell permezz ta' rikors ta' appell tieghu datat 28 ta' Frar 2002, u dan billi hassu aggravat kemm mill-verdett tal-gurati ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-Ewwel Kap ta' l-att ta' akkuza u kif ukoll mis-sentenza, li bih talab li din il-Qorti tirriforma l-verdett tal-gurati u s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi billi fl-ewwel lok tikkonferma l-verdett tal-gurati ta' htija u s-sentenza ta' htija ghar-rigward ir-Raba' Kap ta' l-att ta' akkuza; fit-tieni lok tiddikjarah mhux hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu fl-Ewwel Kap ta' l-att ta' akkuza u ghalhekk tilliberah minnha u kif ukoll tiddikjarah mhux hati ta' xi wahda mill-akkuzi fiz-zewg kapi alternattivi ghall-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza u minnhom tilliberah, u ghalhekk thassar il-verdett u sentenza ta' htija ghar-rigward ta' l-Ewwel Kap ta' l-att ta' akkuza u minnu tilliberah u kif ukoll tilliberah minn kull wahda miz-zewg akkuzi migjuba fiz-zewg kapi alternattivi

ghall-Ewwel Kap ta’ l-att ta’ akkuza; u fit-tielet lok, u fi kwalsiasi kaz, tissostitwixxi l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor inflitta fuqu b’piena ohra li tkun taghmel aktar ghac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz;

Rat li mill-istess sentenza appella wkoll Silvio sive Salvatore Pace permezz ta’ rikors ta’ appell datat 25 ta’ Frar 2002, u dan billi hassu aggravat bil-verdett tal-gurija kif ukoll bis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, u li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-verdett tal-gurati u s-sentenza appellata u tordna li jigi registrat verdett ta’ mhux hati fil-konfront tieghu li konsegwentement ghandu jigi liberat minn kull htija u piena; subordinatament u fi kwalunkwe kaz talab li din il-Qorti, f’kaz li tichad l-appell tieghu ghal dik li hija htija tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li hija piena billi tinfliggi piena fil-limiti tal-ligi izda li tkun anqas minn dik inflitta mill-ewwel Qorti u li tkun tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt li ghal dak li hu l-Ewwel Kap il-verdett milhuq ma kienx wiehed ta’ unanimita` u fuq kollox ir-rakkommandazzjoni tal-gurati ghal klemenza u b’hekk issir gustizzja skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji taz-zewg appellanti huma bazikament l-istess: (1) li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta’ direttivi zbaljati fuq punti ta’ dritt b’mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghet twassal ghall-amministrazzjoni hazina tal-gustizzja; (2) li ma kienx hemm provi bizzejjed biex il-gurati setghu ragjonevolment isibu htija fil-konfront taghhom, l-anqas dwar l-akkuzi alternattivi; (3) subordinatament, il-piena nflitta hi ferm gravuza. Din il-Qorti sejra tittratta dawn l-aggravji *seriatim*.

Dwar l-ewwel aggravju, l-appellant John Polidano ghandu s-segwenti lmenti:

“Illi dwar l-ewwel aggravju l-esponent jissottometti bir-rispett illi l-Onor. Imhallef illi ppresieda l-guri, ta s-segwenti direttivi ta’ dritt, illi fl-umli opinjoni tal-esponent, huma zbaljati u li setghu ddanneggjaw jew ippregudikaw il-kaz tal-esponent:

i) Illi meta l-Onor. Imhallef kien qed jispjega lill-gurati l-intenzjoni ta lill-gurati:

(a) bhala principju tal-ligi, il-massima illi ‘kulhadd irid jew jintendi l-konsegwenzi naturali li jkunu previsti minnu, jew ragonevolment prevedibbli tal-ghemil illi jkun ghamel volontarjament’. Illi fil-fatt din il-massima mhix principju jew prezunzjoni tal-ligi izda hija biss inferenza logika li wiehed jista’ jaghmel, u ghalhekk hi punt ta’ fatt u mhux punt ta’ dritt;

(b) bhala principju tal-ligi, illi ‘kulhadd irid il-konsegwenzi tal-ghemil naturali tieghu, li jaghmel hu b’mod volontarju l-konsegwenzi li hu stess **seta’ jipprevedi** jew ippreveda, - jew il-konsegwenzi li **kienu ragonevolment prevedibbli**, u b’dan kollu ma mpurtahx minn dawk il-konsegwenzi u baqa’ jaghmel dak li kien qed jaghmel. U meta nghidu ragonevolment prevedibbli, Sinjuri Gurati, din tfisser, il-kelma ragonevolment, nuzawha kontinwament, - **tfisser li din tkun xi haga li kwalunkwe bniedem normali, jista’ jipprevedi. Bl-ingliz nghidu *the reasonable man*. Mela haga illi bniedem ragonevoli jista’ jipprevedi, ma tkunx haga straordinarja jigifieri".** Din il-linja baqghet tipprevali fil-kors tal-ispjega dwar l-intenzjoni kriminuza.

Illi bir-rispett kollu, dan ma jinkwadrax f’dak li tghid il-ligi dwar l-intenzjoni rikjesta fid-delitt ta’ natura volontarja peress illi fid-delitt volontarju, filwaqt illi l-intenzjoni diretta tissussisti meta wiehed jipprevedi dak li b’ghemilu ikun ser jissucciedi u jkompli jaghmel dak li jkun irid jaghmel ghax ikun irid li tigri dik il-konsegwenza, l-intenzjoni pozittiva indiretta tissussisti meta wiehed jipprevedi dak li b’ghemilu ikun ser jissucciedi u ghalkemm ma jkunx irid pozittivament illi dik il-konsegwenza tigri, xorta wahda jkompli jaghmel dak li jkun irid jaghmel ghax ma jkunx jimpurtah jekk dik il-

konsegwenza prevista minnu tissuccedix jew le. Imma f’kull kaz, bhala bazi essenzjali, irid ikun hemm il-previzjoni tal-konsegwenzi da parti tal-hati. Mill-banda l-ohra, meta l-konsegwenza jew konsegwenzi kienu prevedibbli ghar-*“reasonable man”*, izda l-akkuzat ma jkunx ipprevediha jew ipprevedihom, wiehed ma jistax jitkellem aktar fuq intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta, izda jista’ jitkellem biss fuq intenzjoni negattiva indiretta, illi hi l-intenzjoni kriminuza rikjesta fid-delitti ta’ negligenza, meta jkun il-kaz.

Illi ghalhekk b’dawn id-direttivi fuq punti ta’ dritt, il-gurati nghataw x’jifmhu illi meta kellhom jigu biex jikkunsidaraw l-intenzjoni, u dan b’mod partikolari ghad-delitt taht l-Ewwel Kap, illi jekk jikkunsidraw illi ghar-*"reasonable man"* dak li gara seta’ kien prevedibbli ghall-akkuzat, anke jekk l-akkuzat naqas li jipprevedih, xorta wahda, bl-applikazzjoni tal-massima illi kulhadd jintendi l-konsegwenzi naturali ta’ ghemilu, u dan bhala punt ta’ dritt, kien hemm l-intenzjoni rikjesta mill-ligi.

Illi fl-umli fehma tal-esponent dan jammonta ghal *“misdirections”* li bilfors hallew effett negattiv fuq il-gurati fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz.

….

iii) Illi meta l-Onor. Imhallef spjega lill-gurati l-intenzjoni kriminuza rikjesta taht l-Ewwel Kap, intqal hekk:

(a) “Fl-artikolu 311, l-intenzjoni li titlob il-ligi hawnhekk hija dik, niehu lili bhala ezempju, hija dik li jiena, irrid naghmel esplozjoni u naghmilha volontarjament ghax hekk irrid u ghalhekk il-konsegwenzi naturali ta’ din l-esplozjoni, jew huma previsti minni - nipprevedihom - jew kienu ragonevolment prevedibbli, u b’dan kollu jiena ma mportaniex minn dawk il-konsegwenzi naturali, u bqajt ghaddej u ghamilt l-esplozjoni.” U kompla jintqal illi, “Mela l-intenzjoni rikjesta f’dan id-delitt hija li jien irrid naghmel esplozjoni, jigifieri volontarjament, - u l-konsegwenzi naturali ta’ dik l-esplozjoni, ghalkemm huma previsti minni

jew ragonevolment prevedibbli, jien b'dan kollu ma mpurtani xejn, u ghamilt l-att li bih gibt l-esplozjoni. Din hija l-intenzjoni rikjesta f'dan id-delitt - l-intenzjoni volontarja".

Illi bir-rispett kollu lejn l-Onor. Imhallef, b'din id-direttiva, l-Onor. Imhallef kompla jenfasizza illi m'hemm l-ebda differenza bejn dak li akkuzat ikun ippreveda u dak [li] dan seta' jipprevedi, meta fil-fatt din id-distinzjoni fl-intenzjoni diretta jew fl-intenzjoni pozittiva indiretta hija wahda kardinali.

(b) F'dan il-kuntest ukoll, l-Onor. Imhallef, bhal ma kien diga` ghamel f'parti ohra tal-indirizz meta qal illi 'meta jien nsuq il-karozza u nsuq b'sahhti kollha fuq bniedem, - wiehed allura x'ragonevolment x'jista' jghid li huma l-konsegwenzi. U jien allura f'dak il-kaz irrid inwiegeb ghal dak id-delitt."

Apparti mill-fatt illi fl-umli opinjoni tal-esponent, dan l-ezempju ma kienx wiehed felici fl-ispjega tal-intenzjoni rikjesta taht l-Ewwel Kap, l-esponent jissottometti bir-rispett illi hawnhekk gew maghquda zewg kuncetti differenti flimkien, u cioe` il-kwistjoni tal-prevedibilita` mir-*"reasonable man"* (punt ta' dritt) u l-kwistjoni ta' kif wiehed jista' jasal ghall-intenzjoni (punt ta' fatt). Dan fl-umli opinjoni tal-esponent seta' certament kompla jinfluwenza lill-gurati negattivament kontra l-akkuzat peress illi dak li setghu jigbdu bhala inferenza ta' fatt gie impoggi lilhom daqslikieku kien punt ta' dritt li huma riedu bilfors joqoghdu fuqu.

iv) Illi l-Onor. Imhallef meta indirizza lill-gurati fuq ir-rekwizit espress bil-kelma "dolozament" li hemm fl-art. 311, indirizzahom b'tali mod illi fil-kuntest tal-art. 311, il-kelma dolozament kienet sempliciment tfisser illi l-ispluzjoni riedet tkun wahda li mhix awtorizzata mill-ligi u li l-element formali kien ikun sodisfatt jekk jigi ppruvat illi l-ispluzjoni tkun saret volontarjament. Veru illi din il-kelma "volontarjament" intuzat biex tispjega l-agir ta' dak illi jahraq murtal tal-festa li jkollu l-permess biex jaghmel dan, izda l-gurati setghu gew influenzati b'mod illi jekk wiehed illi jikkawza spluzjoni meta ma jkunx awtorizzat mill-ligi illi jaghmel dan, ghal fini tal-art. 311, biex tigi ppruvata l-

intenzjoni kriminuza rikjesta hu bizzejjed jekk jigi ppruvat sal-grad tal-konvinciment morali illi dak li b'konsegwenza tal-ghemil volontarju tieghu tkun grat spluzjoni, dan allura necessarjament ikollu l-intenzjoni illi jikkawza spluzjoni. U fil-fatt, din il-kelma volontarjament giet uzata f'partijiet ohra tal-indirizz ghalkemm f'dawk il-kazi giet abbinata mal-kelma "intenzjonalment", izda minghajr spjega ta' xi tfisser l-intenzjoni.

ragonevolment prevedibbli". Fis-sentenza taghha tat-13 ta' Mejju, 1999, fil-kawza 'Ir-Reppubblika ta' Malta vs Joseph Desira', din l-Onorabbli Qorti qalet li din il-kelma ghandha tigi nterpretata bhala li tfisser "probabbli". L-uzu ta' kelma differenti, il-kelma "ragonevolment prevedibbli" mill-Onor. Imhallef, u dan bhala direttiva ta' punt ta' dritt, setghet tkompli tohloq konfuzjoni f'mohh il-gurati dwar il-kwistjoni ta' prevedibilita` anke f'kuntest iehor. Fil-fatt l-Onor. Imhallef qal li l-kelma "probabbli" uzata mid-difiza, u li d-difiza uzat fuq l-insenjament, fl-umli opinjoni tal-esponent korrett, ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha hawn fuq citata, ma kinitx korretta. Huwa veru illi fis-sistema guridiku taghna, is-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ma jorbtux b'mod assolut lil xi Qorti ohra. Mill-banda l-ohra izda, ma jistax ikollna stat ta' fatt fejn wiehed lanqas jista' joqghod fuq l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nostrali.

illi, "meta hu kien jaf, jew mic-cirkostanzi ta' kif kienu l-affarijiet, ragonevolment kellu jkun jaf, li dik is-sostanza esplossiva hija wahda li tikkawza spluzjoni". Illi l-esponent jissottometti bir-rispett illi l-kwistjoni hawn mhix jekk l-akkuzat kellux ragonevolment ikun jaf li dik is-sostanza (f'dan il-kaz petrol) kinitx sostanza esplossiva, li bih tista' issir sostanza esplossiva, izda jekk l-akkuzat kienx jaf jew le, u cioe` ipprevediex jew le, jekk f'dawk ic-cirkostanzi l-petrol kienx sostanza esplossiva jew li jista' jsir sostanza esplossiva.

Illi ghalhekk l-esponent jissottommetti bir-rispett kollu, illi fl-umli opinjoni tieghu, dawn il-mankanzi gravi fl-indirizz, specjalment meta mehuda fil-kumulu taghhom, wasslu ghall-irregolarita` materjali tul il-kawza li seta’ kellha nfluenza fuq il-verdett u ghalhekk gabet bhala konsegwenza *“a miscarriage of justice”*, b’mod illi gurija ragonevoli, propjament diretta, ma kinitx tasal ghal verdett bhal dak li waslet ghalih fil-kaz tal-esponent. Dan ghandu jwassal ghat-thassir tal-verdett ta’ htija b’referenza ghall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.”

L-appellant Silvio Pace mbaghad, dwar l-ewwel aggravju, jghid hekk:

“Illi fl-indirizz tieghu lill-gurati l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda il-guri spjega kif kellhom jifhmu u jinterpretaw l-kelma “tista’” fil-Kapi I u III tal-Att tal-Akkuza, li huma bbazati fuq l-artikoli 311 u 317 tal-Kodici Kriminali rispettivament. Bhala sfond il-Prosekuzzjoni sostniet li fil-kas ta' Kap I, meta l-artikolu 311 jghid: ‘dolozament, b’sustanza esplossiva, ghamel esplozzjoni li **tista'** tqieghed f’perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lill-hwejjeg haddiehor ...”, il-kelma **tista'** tfisser li l-Prosekuzzjoni ghandha tipprova biss li kien possibbli li l-isplujzjoni tqieghed f’perikolu l-hajja ta’ haddiehor jew taghmel hsara.

Illi kontrarjament ghal dak li kienet sostniet il-Prosekuzzjoni, d-difiza ghall-appellant sostniet li l-kelma **“tista’”** tfisser **probabbli** u inoltre spjegat li t-tezi tad-difiza kienet konfortata mis-sentenza ta’ Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Ir-Repubblika ta’ Malta v Joseph Desira” tat-13 ta’ Mejju 1999 fejn dina l-Onorabbli Qorti kienet spjegat r-ragunijiet ghaliex il-kelma **“tista’”** ghandha tigi interpretata bhala **probabbli.**

Illi fl-indirizz tieghu lill-gurati l-Onorevoli Imhallef kategorikament idderigihom fis-sens illi kellhom jinterpretaw il-kelma **“tista’”** bhala li tekwivali ghal prevedibbli; jigifieri jekk l-akkuzat (f’dan il-kas l-appellant) kellu jipprevedi li l-isplujzjoni setghet tqieghed

f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor allura kien ikun hati. Bir-rispett kollu, l-appellant jissottometti illi l-Onorevoli Imhallef b'din l-interpretazzjoni zbalja billi hareg mill-ambitu tal-intenzjoni diretta, jigifieri d-dolo u dderiga lill-gurati japplikaw il-kriterji ta' negligenza, ta' l-involontarju, jigifieri tal-culpa dana allavolja fl-akkuza f'Kap I kien hemm l-aggravju tal-mewt ta' persuna.

L-appellant jissottometti umilment li l-interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 311 tal-Kodici Kriminali, hija li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-appellant kellu intenzjoni specifika u diretta li jaghmel spluzzjoni b'sustanza esplussiva u li dik l-intenzjoni kienet tinkludi li kien konxju li kien probabbli li bl-ispluzjoni kien ser jqieghed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew jaghmel hsara gravi lill-hwejjeg haddiehor. B'hekk qed jigi sottomess li l-intenzjoni trid tkun specifika u mhux kif gie spjegat mill-ewwel Onorabbili Qorti.
B'hekk il-fatt li l-periklu jew hsara gravi kien prevedibbli mhux rilevanti daqs kemm hu importanti li jigi pruvat li l-hsara jew il-mewt kienet il-konsegwenza probabbli ta' dik l-ispluzjoni u li l-akkuzat kien konxju ta' dan, cioe` ikkawza spluzjoni li kien jaf li biha kienu probabbli il-konsegwenzi li effettivament graw. Dan certament mhux kif gie spjegat lill-gurati mill-Onorevoli Imhallef li ppresjeda il-guri. Ghalhekk kien misinterpretazzjoni tal-ligi meta l-Imhallef togat indirizza l-gurati fis-sens li l-kelma **tista'** kienet tfisser sempliciment **prevedibbilita`.**

Dan, fil-fehma ta' l-esponent, bilfors kellu bhala konsegwenza li l-gurati ma gewx diretti sufficjentement tajjeb biex ikunu jistghu jifhmu il-portata u l-importanza tal-livell ta' *mens rea* rikjest mill-ligi, anzi gew diretti biex isibu htija a bazi ta' premessa legali monka.

Fl-opinjoni umli ta' l-appellant sar l-istess zball fir-rigward tat-tielet Kap, izda peress li l-appellant ma nstabx hati ta' dan il-Kap hu ma jarax l-utilita` li jidhol f'din il-kwistjoni."

Din il-Qorti, in vista ta' dawn l-ilmenti ta' l-appellanti, ezaminat l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri u hi tal-fehma li dan hu, fis-sustanza tieghu, wiehed bilancjat u korrett. L-indirizz iqieghed quddiem il-gurati l-punti legali kollha li kienu "in issue", ipoggi quddiemhom il-linji difensjonali kollha, u b'mod partikolari – salv dak li sejjer jinghad aktar 'l quddiem – ihalli lill-gurati fil-liberta` li jiddeciedu dwar ir-rizultanzi fattwali in omagg ghall-principju, li johrog mill-Artikolu 436(2) tal-Kodici Krminali, li l-gurati huma l-imhallfin tal-fatt. Madanakollu, fil-kors ta' l-indirizz kien hemm numru ta' imprecizazzjonijiet.

Hekk, l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera ghal "principju" jew "presunzjoni" li kulhadd irid jew jintendi l-konsekwenzi naturali li jkunu previsti jew ragonevolment prevedibbli ta' ghemilu. Meta kien qieghed jispjega kif il-gurati jistghu jaslu biex isibu l-intenzjoni, qal li dan setghu jaghmluh mill-ezami tal-provi u mill-ezami tac-cirkostanzi. Imbaghad kompla hekk:

"Issa, sinjuri gurati, fin-normalita` tal-hajja meta xi hadd jaghmel xi haga eccezzjonalment jigi dan u jghidlek ara jiena qtilt lil X u kelli l-intenzjoni li noqtlu – ftit jigru, rarissimu dawn, li jkollok konfessjoni daqshekk cara. U allura tqum il-problema kif ser tkun taf xi hsieb kellu fil-mument dak li jkun li ghamel l-att. U hemm principju, sinjuri gurati, li ser nghidilkom x'inhuwa pero` nitlobkom tinnotawh, niddettahulkom,, ghaliex a bazi ta' dan il-principju, a bazi ta' dan it-test, intom tistghu mbaghad taraw x'kienet l-intenzjoni ta' kull akkuzat. U l-principju, biex nghidilkom x'inhuwa sinjuri gurati, huwa li skond il-ligi, kulhadd irid jew jintendi – issa nerga' naqrahulkom bil-mod dan ma jimportax – kulhadd irid jew jintendi l-konsegwenzi naturali li jkunu previsti minnu jew ragonevolment prevedibbli, ta' dak l-ghemil tieghu, ta' dak l-ghemil li hu jaghmel volontarjament. U dan l-ghemil jaghmlu ghaliex hekk irid, ma jimportahx mill-konsekwenzi, u jibqa' ghaddej u jaghmel dak l-ghemil. Mela l-principju huwa illi kulhadd – huwa prezunzjoni fil-fatt, kulhadd irid il-konsekwenzi natural ital-ghemil tieghu, li hu jaghmel b'mod volontarju, il-konsekwenzi li hu stess seta' jipprevedi jew ippreveda, jew konsekwenzi li kienu

ragonevolment prevedibbli, u b’danakollu ma importahx minn dawk il-konsekwenzi u baqa’ jaghmel dak li kien qed jaghmel. U meta nghidu ragonevolment prevedibbli, sinjuri gurati, din tfisser, il-kelma ragonevolment – nuzawha kontinwament – tfisser li din tkun xi haga li kwalunkwe bniedem normali jista’ jipprevedi. Mela haga illi bniedem ragonevoli jista’ jipprevedi, ma tkunx haga straordinarja jigifieri. Naghti ezempju – qieghed fit-triq jiena nsuq il-karozza tieghi, nara persuna, ma nafx min hi, qed taqsam, u dak il-hin jiena naghfas il-gas, 50/60 miles per hour, u ntajjarha – irrid intajjarha lil din il-persuna, u allura l-bwon sens taghkom, ghal dik li hija l-intenzjoni tieghi, x’jghidilkom, il-konsekwenzi ta’ dak l-att tieghi, li jiena ghamilt volontarjament, ghax hekk ridt, x’kienu? Jew li jmut jew ghall-inqas ikorri. Tajjartu dan m’ghola zewg sulari – gejt jigifieri ma jimportanix, huma konsekwenzi li stajt nipprevedi, huma konsekwenzi li bniedem ragonevoli jipprevedi, pero` ma jimportanix, ghamilt dak li ridt naghmel. F’dak il-kaz irrid inwiegeb ghal dawk il-konsekwenzi, ma nistax nghid allura isma’ jiena ma kellix intenzjoni li noqtlu tafx, jew li naghmillu ferita. Jiena l-intenzjoni tieghi kienet li naghtih qata’. Le. U hudu l-kaz li jiena ridt intih qata’, b’dak li ghamilt huwa prevedibbli li naghtih qata’ biss jew huwa prevedibbli li hu jmut, u jkun hemm dawk il-konsekwenzi? Hekk issibuha l-intenzjoni, sinjuri gurati, billi taraw il-fatti u mill-fatti u mic-cirkostanzi taslu ghall-intenzjoni.

Mela jekk xi hadd jaghmel xi haga volontarjament, ghax hekk irid, - hu l-konsekwenzi naturali ta’ dak l-att tieghu kienu previsti minnu bhal dan l-ezempju li semmejt, jew kienu ragonevolment prevedibbli, mir-*reasonable man*, persuna kwalunkwe ragonevoli, tgjid iva, dak il-konsekwenzi l-mewt, u dan xorta wahda ghamel li kellu jaghmel – allura mbaghad araw intom l-intenzjoni x’inhija. Pero` intom tridu tistabiluha, sinjuri gurati, ghax l-intenzjoni hija kwistjoni ta’ fatt u allura hija f’idejkom.”[1]

Imbaghad meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jispjega lill-gurati l-elementi tad-delitt kontemplat fl-artikolu

[1] Tape 83 p. 25 – 26.

311 tal-Kodici Kriminali, spjega l-element ta' l-intenzjoni bis-segwenti mod:

"l-intenzjoni li titlob il-ligi hawn hekk hija dik, halli niehu lili bhala ezempju, hija dik li jiena rrid naghmel esplozjoni u naghmilha volontarjament ghax hekk irrid u ghalhekk il-konsekwenzi naturali ta' din l-esplozjoni jew huma previsti minni – nipprevedihom – jew kienu ragonevolment prevedibbli, b'dana kollu jiena ma importanix minn dawk il-konsekwenzi naturali u bqajt ghaddej u ghamilt l-esplozjoni. Mela hawn hekk mill-ewwel ghandkom tindunaw li meta konna dalghodu fil-bidu nett qed nispjegalkom kif taslu ghal intenzjoni, hawn hekk qed nerga' nirrepeti bejn wiehed u iehor dak il-kliem. Mela l-intenzjoni rikjesta f'dan id-delitt hija li jiena rrid naghmel esplozjoni, jigifieri volontarjament, u l-konsekwenzi naturali ta' dik l-esplozjoni, ghalkemm huma previsti minni jew ragonevolment prevedibbli, jiena b'danakollu ma importani xejn u ghamilt l-att li bih gibt l-esplozjoni. Dik hija l-intenzjoni rikjesta f'dan id-delitt – l-intenzjoni volontarja. U nerga' nghid bhal ma ghidt qabel – jekk fil-fatt dawn il-konsekwenzi ghalkemm prevedibbli ma jirrizultawx, ma gara xejn, xorta jiena responsabbli ta' dak id-delitt. Jigifieri ghalkemm hemm konsekwenzi naturali, ovvji, li wiehed facilment seta', jew ragonevolment jipprevedi, jekk fil-fatt, f'dan id-delitt, ma jirrizultawx dawk il-konsekwenzi, jiena xorta wahda responsabbli ghal dak li ghamilt.

Mela biex tkunu certi minn dan li qed nghid, sinjuri gurati, l-intenzjoni li trid tippruvalkom il-prosekuzzjoni – dejjem sal-grad tal-konvinciment morali – hija li min ghamel l-att tal-esplozjoni, l-awtur jigifieri, min ghamel dik l-esplozjoni, fl-ewwel lok ghamilha ghaliex hekk ried, volontarjament; fit-tieni lok dan meta l-konsekwenzi li jsemmi l-artikolu 311 kienu previsti minnu, wahda jew l-ohra, ma hemmx ghalfejn it-tnejn, jigifieri l-kosekwenzi wahda hija li jpoggi l-hajja ta' haddiehor f'perikolu jew il-kwistjoni ta' hsara gravi fil-proprjeta` - jigifieri dawn il-konsekwenzi kienu previsti minnu, wahda jew l-ohra, jew it-tnejn – jew kienu konsekwenzi dawn li wiehed bil-bwon sens, jara li huma

prevedibbli u b'dana kollu min ghamel dak l-att ma giex jimportah minn dawk il-konsekwenzi, u ghamel dak l-att.

Mela issa, sinjuri gurati, biex taslu ghal din l-intenzjoni, tridu ovvjament tezaminaw il-provi, il-provi kollha bic-cirkostanzi, biex taraw jekk fil-fatt, min ghamel l-esplozjoni kellux ukoll din it-tip ta' intenzjoni. U hawn hekk mela nerga` nirreferikom ghall-ezempju li tajtkom fil-bidu, meta jiena qed insuq il-karozza u nsuq b'sahhti kollha fuq bniedem – wiehed allura x'ragonevolment x'jista' jghid li huma l-konsekwenzi. U jiena allura f'dak il-kaz irrid inwiegeb ghal dak id-delitt."[2]

U meta kien qieghed jispjega s-sinjifikat tal-kelma "tista'" fl-imsemmi artikolu 311, l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal li ma kienx jaqbel ma' l-interpretazzjoni li tat il-prosekuzzjoni ta' din il-kelma bhala "possibbli" ghax il-ligi trid li l-ispluzjoni tkun ta' certa entita`. Qal li l-anqas ma kien jaqbel ma' l-interpretazzjoni li tat id-difiza ta' din il-kelma bhala "probabbli", u dan minhabba l-ahhar kliem ta' l-imsemmi artikolu mnejn "wiehed ghandu jinduna li din mhix kwistjoni li probbali li ggib dik il-hsara, ghax kieku l-legislatur ma kienx jghid ma hemmx bzonn li tissucciedi dik il-hsara", u ghalhekk il-kelma "tista'" tfisser haga li hija prevista jew ragonevolment prevedibbli, cioe` "li din trid tkun esplozjoni ta' tali entita`, ta' tali qawwa, li minnha nnifisha wiehed ragonevolment jipprevedi li tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew li taghmel hsara gravi lill-hwejjeg ta' haddiehor". Imbaghad kompla hekk:

"Mela trid tkun daqshekk gravi din l-esplozjoni, sabiex jigi sodisfatt dan id-delitt, illi huwa prevedibbli ragonevolment, jew min ghamilha ppreveda huwa stess illi dik l-esplozjoni li qed jaghmel iggib dawn il-konsekwenzi.

Mela l-kelma 'tista'', sinjuri gurati, tridu tinterpretawha f'dan is-sens li qed tghidilkom il-Qorti – mela issa, mill-ezami tal-provi, tac-cirkostanzi, li tridu taghmlu, araw x'tip ta' esplozjoni kienet din u araw jekk din l-esplozjoni b'mod ragonevoli, bl-uzu tal-bwon sens, hux prevedibbli li ggib

[2] Tape 83 p. 33 – 34.

dawk il-konsekwenzi. Fil-fatt dawk il-konsekwenzi graw, imma anke kieku ma grawx – halli nghidu ma grawx – kien prevedibbli li dik l-esplozjoni – nafu ahna xi hsara kien hemm, imma nsiha – kien prevedibbli ragonevolment li dik l-esplozjoni ggib hsara gravi fi proprjeta` ta' haddiehor jew tpoggi f'perikolu l-hajja ta' haddiehor? U biex taslu ghaliha din, sinjuri gurati, ovvjament tridu taraw x'tip ta' esplozjoni kienet u allura tridu tirreferu ghal dak li qalu l-esperti ....”[3]

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, apparti n-nuqqas ta' precizjoni fil-mod kif dik il-Qorti esprimiet ruhha – u meta wiehed ikun qed jindirizza lill-gurati wiehed ghandu dejjem iqis kull kelma li jghid u jillimita l-ezempji u l-proposti legali ghal dak li hu strettament necessarju – l-introduzzjoni tal-“presunzjoni” jew “principju” illi “kulhadd irid il-konsegwenzi naturali ta' l-ghemil tieghu” fil-kuntest ta' jekk fil-kaz *de quo* kienx hemm l-intenzjoni rikjesta skond l-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali, tisposta l-ezami tal-intenzjoni tal-appellant, allura akkuzat, minn dak li huwa verament kellu l-intenzjoni li jaghmel ghal dak li *ex post facto* jirrizulta li sehh. Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland* [4]:

"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective

[3] Tape 83B p. 1 – 2.
[4] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.

evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay dawn a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[5]

U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[6] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:

"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[7] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.

---

[5] Para. 7.28, pp. 232-233.
[6] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."
[7] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[8]

Ghalhekk jidher li l-"presunzjoni" jew "principju" aktar 'il fuq imsemmi (cioe` illi "kulhadd irid il-konsegwenzi naturali ta' l-ghemil tieghu") ma giex imqieghed fil-kuntest korrett tieghu.

Barra minn hekk, fis-sentenza taghha tat-13 ta' Mejju 1999 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Desira**, din il-Qorti diversament komposta kienet ezaminat *funditus* l-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali, u in partikolari s-sinifikat tal-kliem "dolozament" u "tista'" fl-imsemmi

[8] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

artikolu. Ghalhekk huwa opportun li jigu citati *in extenso* l-partijiet rilevanti ta' dik is-sentenza kif gej:

"… ghalkemm kemm l-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali taghna fit-test ingliz u l-artikolu 2 tal-Att Ingliz tal-1883 uzaw il-kliem '<u>likely to</u>', it-test Malti tal-artikolu 311 tal-Kodici msemmi juza l-kliem '<u>li tista</u>''.

"Ta' min jinnota wkoll illi fit-test Taljan tal-Att XVI tal-1901 li introduca dan l-artikolu 311 fil-Kodici Kriminali taghna, il-legislatur uza l-kliem 'che possa' filwaqt li fit-test Ingliz tal-istess artikolu intuza l-kliem 'likely to'.

"Din id-differenza bejn it-test Malti (u precedentement anki dak Taljan) u dak Ingliz hija ta' massima importanza ghaliex bejn il-kliem 'li tista' (che possa') u 'likely to' hemm differenza kbira billi t-test Ingliz evidentement jirrikjedi l-<u>probabbilta`</u> li l-ispluzjoni tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsarat lil hwejjeg haddiehor mentri l-kliem 'li tista'' fit-test Malti semplicement jirrikjedi l-potenzjal ta' dik l-ispluzjoni li ggib dawk l-effetti minghajr il-htiega li ssir ukoll il-prova tal-probabbilta` li dawk l-effetti jigu fil-fatt kawzati.

"Dan il-konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz tal-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali hu tali li, proprju minhabba li jaffettwa l-grad u tip ta' prova li kellha ssir f'dan il-kjaz, jirrikjedi li jigi definit skond ir-regoli ta' interpretazzjoni.

"F'dan il-kuntest, din il-Qorti m'ghandhiex diffikulta` tafferma li trattandosi ta' artikolu li kien diga` kif inhu qabel l-Indipendenza tal-1964, skond ir-regoli ta' interpretazzjoni kif dejjem segwiti minn dawn il-Qrati, it-test Ingliz ghandu jipprevali fuq it-test Malti. Isegwi minn dan li ghall-fini ta' din il-kawza l-prova li fit-termini tal-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali il-prosekuzzjoni kienet tenuta li taghmel, hija li l-ispluzjoni 'de quo' kienet tali li probabbilment kienet tqieghed (u mhux biss setghet tqieghed) f'perikolu l-

hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lill-hwejjeg haddiehor.

"Dan il-punt kien importanti li jigi stabbilit f'dan l-istadju ghaliex ghalkemm gie rilevat mill-appellant fis-sottomissjonijiet tieghu u anki ssemma' mid-difiza fil-kors tal-guri, jidher li gie kompletament sorvolat u injorat mill-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri li invece, ripetutament, indirizza lill-gurati fis-sens li l-prova li l-prosekuzzjoni kellha taghmel kienet li l-ispluzjoni semplicement setghet iggib il-wiehed jew l-iehor mill-konsegwenzi msemmija.

"It-tielet punt li trid taghmel din il-Qorti jirrigwarda l-element formali rikjest biex tista' tinstab htija taht l-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali. Dana huwa importanti li jsir f'dan l-istadju peress li d-difiza qed tikkontendi li l-istess element gie totalment injorat fl-indirizz mill-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri.

"Huwa importanti u opportun li jigi riprodott dak li jghid l-Archbold fil-kuntest tal-element formali rikjesta ghal dan id-delitt taht l-Explosives Substances Act 1883, *'where the word "maliciously" is used in any statutory definition of a crime, malice must be taken not in the old vague sense of wickedness in general, but as requiring either (1) an actual intention to do the particular kind of harm that is in fact done; or (2) recklessness as to whether such harm should occur or not, i.e. the accused must have foreseen that the particular kind of harm might be done and yet gone on to take the risk of it. It is neither limited to, nor does it indeed require any ill-will towards the person injured (R. vs Cunningham (1957) 2 Q.B. 396; 41 Cr. App. R. 155 following R vs Pembilton, L.R. 2 C.C. 119)" – Archbold.*

"Jista' jizdied ukoll li bhala korollari tar-regola li ghall-fini ta' dan id-delitt mhux necessarju li jigi pruvat *'that life was actually endangered'*, mhux necessarju ghall-prosekuzzjoni li tipprova xi intenzjoni tal-awtur tad-delitt li jikkawza l-mewt ta' xi hadd partikolari, kif

anqas ma hemm il-htiega tal-prova li l-awtur tad-delitt kellu l-intenzjoni li jhassar hwejjeg ta' xi hadd partikolari.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li ghadu kemm inghad fl-ahhar zewg paragrafi qabel dan jirrispekkja l-posizzjoni legali kwantu tirrigwarda l-artikolu 311 tal-Kap. 9. Jigifieri, ghall-fini ta' dan l-artikolu, l-element formali rikjest cioe`, il-*mens rea* ta' dan id-delitt u li riedet tipprova l-prosekuzzjoni huwa li l-awtur tal-ispluzjoni ghamilha ghax ried, jigifieri volontarjament, u b'dan illi l-effetti kontemplati fl-istess artikolu 311 jew kienu previsti minnu u ried wahda, jew l-ohra, jew it-tnejn, jew kienu prevedibbli minnu pero` hu ma kien jimportah xejn javverawx ruhhom jew le u xorta baqa' ghaddej bl-ikkawzar tal-ispluzjoni."

Fid-dawl ta' l-insenjament fl-imsemmija sentenza u li din il-Qorti taqbel pjenament mieghu, huwa evidenti illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma kienx ghal kollox korrett fil-mod kif spjega l-kliem imsemmija li jikkostitwixxu parti integrali mill-elementi tad-delitt dedott fl-Ewwel Kap ta' l-att ta' akkuza.

Detto dan kollu, sejra din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra jekk tali imprecizazzjonijiet setax ikollhom influwenza fuq l-ezitu finali u ghalhekk saritx amministrazzjoni hazina tal-gustizzja meta tkun qed tezamina l-aggravji li jirrigwardaw il-provi.

L-appellant John Polidano jilmenta wkoll minn dak li jirreferi ghalihom bhala *"misdirections"* ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri meta kien qieghed jispjega l-applikazzjoni ta' l-artikolu 45 tal-Kodici Kriminali. Huwa jghid:

"ii) Illi meta l-Onor. Imhallef kien qed jispjega lill-gurati dwar x'tghid il-ligi fl-art. 45 dwar il-komunikabilita` tal-aggravju f'delitt illi jsir aktar gravi bl-att ta' wiehed jew aktar mill-ko-awturi u/jew komplici, u dan fil-konfront ta' dak jew dawk li ma jkunux ghamlu dak l-att li jkun irrenda d-delitt miftiehem aktar gravi, gew uzati dawn il-kliem:

"(a) 'U mhux hekk biss, - jekk il-komplici, halli nsejhulu [hekk] dak li jibqa' d-dar biex niftehmu, - ikun jaf fil-mument li qed isir id-delitt, u jkollu l-opportunita` ic-cans li jwaqqfu lill-iehor u ma jwaqqfux, allura anke hawnhekk jigi responsabbli daqs il-komplici l-iehor u jigi responsabbli ghad-delitt aktar gravi.'
"Meta il-ligi titkellem dwar il-komunikabilita`, dan taghmlu ghax appuntu il-ftehim bejn il-kompartecipanti ikun b'certu mod u mbaghad wiehed jew aktar mill-kompartecipi jaghmlu xi haga li tmur oltre il-*"common design"* u li tirrendi d-delitt miftiehem aktar gravi. Allura, bir-rispett kollu, kif wiehed illi jkun baqa` d-dar seta' jkun jaf illi l-kompartecipi ghamel xi haga li marret oltre il- *"common design"*?

" (b) 'Mela sabiex komplici ma jkunx responsabbli daqs l-iehor, irid jigi ppruvat sal-grad tal-probabbli, ghax issa hawnhekk qed nitkellmu fuq prova tal-akkuzat, - irid jigi ppruvat minnu sal-grad tal-probabbli illi hu ma kienx jaf jew qatt ma kien jaf, li fil-mument li sar l-att, saret xi haga illi rrendiet id-delitt aktar gravi. Jigifieri illi hu jrid jipprova sal-grad tal-probabbili, li l-hsieb tieghu kien u baqa' skond kif kien miftiehem minn qabel.' Din id-direttiva ta' punt ta' dritt regghet giet ripetuta lejn il-konkluzjoni tal-indirizz.

"Illi bir-rispett kollu lejn l-Onor. Imhallef, din mhux biss kienet *"misdirection"*, izda talli wkoll kienet *"misdirection"* illi aggravat ruhha ghax kienet maghquda ma' dak illi l-Onor. Imhallef kien ghadu kif qal lill- gurati dwar il-komplici illi jkun baqa' d-dar, u b'liema direttiva ta' punt ta' dritt l-Onor. Mhallef ghadda l-piz tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall fuq l-akkuzat.

"Illi fl-umli fehma tal-esponent dan kollu jammonta ghal *"misdirections"* li bilfors hallew effett negattiv fuq il-gurati fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz."

L-ewwelnett, fl-ewwel bran citat l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jaghmel referenza ovvja ghal dak li jipprovdi l-

paragrafu (c) ta' l-artikolu 45 tal-Kodici Kriminali[9]. Kwantu ghat-tieni bran, dan irid jittiehed fil-kuntest li fih intqal u ta' l-indirizz kollu. L-Imhallef li ppresjeda l-guri kien diga` spjega lill-gurati l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni u l-grad tal-prova li huwa sufficjenti li jilhqu l-akkuzati. F'dan l-istadju l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien ghadu kemm spjega l-figura tal-komplici, min jista' jitqies komplici u r-rekwizit tal-*common design* u qal li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn xi komplici ma jkunx fuq ix-xena tad-delitt u, minghajr ma jkun jaf, l-awtur jaghmel xi haga li ma jkunux miftehmin fuqha u li jaghmel id-delitt aktar gravi. Huwa mbaghad ghadda biex jispjega l-ligi[10] u kkonkluda hekk:

"Mela sabiex komplici ma jkunx responsabbli daqs l-iehor, irid jigi ppruvat sal-grad tal-probabbli – ghax issa hawnhekk qed nitkellmu fuq prova tal-akkuzat – irid jigi ppruvat minnu sal-grad tal-probabbli illi hu ma kienx jaf jew qatt ma kien jaf li fil-mument meta sar l-att, saret xi haga, illi rrendiet id-delitt aktar gravi. Jigifieri huwa jrid jipprova sal-grad tal-probabbli li l-hsieb tieghu kien u baqa' skond kif kien miftiehem minn qabel. Qed nipprova nkun semplici fil-kliem tieghi biex tifhmuni. Jekk jigifieri l-akkuzat – ghax din hija wahda mil-linji ta' difiza li tqajmet – jekk jigifieri xi akkuzat jissodisfakom

---

[9] **"Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f'delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss - … (c) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista' timpedih, hallietu jsir."**

[10] Tape 83 p. 30 – 31: "… jekk dak il-komplici li baqa' d-dar li mhux fuq ix-xena tad-delitt ma kienx jaf minn qabel li ser isir dak l-att aktar gravi, jekk jigifieri sar kollox minn wara dahru u dana ma kien jaf b'xejn, allura dak il-komplici li ma jaf b'xejn ma jkunx responsabbli ghal konsekwenzi li fil-fatt jigru. Jigifieri hu ma jwegibx ghal dak id-delitt aktar gravi li jkun ghamel haddiehor – dejjem bil-kondizzjoni kif diga` ghidtilkom li hu ma jkun jaf b'xejn.

"Mela ovvjament, sinjuri gurati, jekk mill-banda l-ohra jkun jaf minn qabel li min sejjer fuq ix-xena tad-delitt per ezempju ser jaghmel xi haga aktar gravi, jekk ikun jaf minn qabel u ma jaghmel xejn, u fil-fatt issir xi haga aktar gravi, allura dak l-ewwel komplici li jibqa' d-dar, f'dan il-kaz ikun responsabbli daqs min jaghmel id-delitt iktar gravi. U mhux hekk biss, jekk il-komplici – halli nsejhulu dak li jibqa' d-dar biex niftehmu – ikun jaf fil-mument li qed isir id-delitt u jkollu l-opportunita`, ic-cans, li jwaqqfu lill-iehor, u ma jwaqqfux, allura anke hawnhekk jigi responsabbli daqs il-komplici l-iehor u jigi responsabbli ghad-delitt aktar gravi."

.

sal-grad tal-probabbli illi kien hemm intenzjoni biex issir xi haga, il-hruq, u xejn aktar, il-hruq ta' xi *stock* antik, pero` dan il-komplici kien qieghed x'imkien iehor, rieqed, u fil-fatt meta sar id-delitt sar xi haga li ghamlet id-delitt aktar gravi, u hu qatt ma kien jaf xejn, allura hu ma ghandux iwiegeb ghal dawk il-konsekwenzi aktar gravi, ghal dak id-delitt aktar gravi.

"… Mela l-ewwel haga li tridu taghmlu hija biex taraw jekk kienx hemm hsieb komuni bejniethom. U tridu taraw x'kien dan il-hsieb komuni – tridu taraw, per ezempju, jekk dan il-hsieb komuni kienx li jsir l-ewwel delitt, tal-ispluzjoni, jew jekk kienx hsieb komuni li jsir it-tieni delitt, tat-tieni kap, jew inkella alternattivament it-tielet delitt, imbaghad tridu taraw jekk kienx hemm sieb komuni li jsir ir-raba' delitt.
"Mela konsegwenza ta' dan kollu, sinjuri gurati, hu illi <u>jekk ma jirrizultalkomx sal-grad tal-konvinciment morali dan il-hsieb komuni</u>, mela l-komplici ma jistax jinsab hati ta' xi haga li jkun ghamel haddiehor – ad insaputa tieghu – minghajr ma kien jaf, haga li haddiehor ghamel u rrenda d-delitt aktar gravi." (sottolinear ta' din il-Qorti)

Jigifieri meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera ghall-prova li jrid jaghmel l-akkuzat, dan ghamlu peress illi kien qieghed jirreferi ghal wahda mil-linji difensjonali li kienet tressqet u ghalhekk kjarament jekk xi hadd mill-akkuzati kien qieghed jallega illi ma kienx jaf b'xi att li rrenda d-delitt aktar gravi, dan kellu jipprova tali allegazzjoni almenu sal-grad tal-probabbli. Kien ikun ahjar li kieku l-Imhallef li ppresjeda l-guri ccara illi kienet il-prosekuzzjoni li kellha tipprova l-ezistenza tac-cirkostanza fil-paragrafu (c) sal-grad tac-certezza morali u li mbaghad *the evidential burden shifts onto the accused*, izda din il-Qorti ma tarax illi fl-assjem kien hemm xi *misdirection* li setghet tinfluwenza lill-gurati.

Konsegwentement dan l-ilment huwa respint.

Hemm imbaghad ilment iehor ta' l-appellant Silvio Pace u li jirrigwarda d-difiza li huwa ressaq tal-forza magguri. Huwa jghid hekk:

"Nuqqas iehor ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti jikkonsisti fil-fatt illi fl-indirizz tieghu, l-Onorevoli Imhallef li ppresedja l-guri meta spjega l-element tal-forza magguri, afferma li l-forza barranija, rikjesta mil-ligi trid issir fil-mument li jigi kommess ir-reat u li l-appellant, li vvoka din id-difiza, irid juri li ghamel xi forma ta' rezistenza biex jikkommetti dan ir-reat biex ikun jista' jezimi ruhu mir-responsabbilta` kriminali ghall-azzjonijiet tieghu.

"Illi l-ewwelnett huwa veru li t-theddid jew blackmail sar, cioe` beda, ftit granet gabel ma sar ir-reat in kwistjoni, kif inhu veru ukoll li fil-fatt dan it-theddid sar minhabba l-fatt li l-appellant kien qed jirrezisti li jippartecipa fir-reat. Bhala sfond tal-kas l-appellant kien izzewweg ftit xhur qabel u kellu tifla ta' hames xhur. Kien jaf li kien qed jiehu d-droga bil-mohbi tal-mara tieghu u kien konvint li jekk kienet issir taf b'dan kienet certament titlaq bit-tifla tarbija b'kollox. Chris Agius, kien jaf dan kollu u heddu li jekk ma jippartecipax fir-reat kien se jikxef dan l-abbuz tieghu lill-mara tieghu. F'dan il-kuntest wiehed ma jistax jevita li juza kriterju soggettiv oltre dak oggettiv ghax kull persuna ghandha cirkostanzi partikolari li jirregolaw il-hajja ta' dak li jkun. Din it-theddida ghall-appellant kienet minaccja gravi u ghalih kienet tikkostitwixxi forza barranija tali li l-appellant jafferma li ma setax jirrezisti. Dak li gie injorat mill-ewwel Onorabbili Qorti u li invece kien ta' importanza assoluta kien li dan it-theddid kompla sal-mument meta gie ikkonsmat ir-reat. B'hekk, ghalkemm kien hemm trapass ta' zmien bejn meta sar it-theddid l-ewwel darba u meta gie ikkonsmat ir-reat, dak it-theddid kompla u kellu l-istess forza fuq l-appellant dak il-hin kollu u fil-waqt li gie kostrett jippartecipa fil-kummissjoni tad-delitt. Kien zbaljat ghalhekk li l-Imhallef li ppresjeda il-guri meta indirizza lill-gurati bil-mod kif indirizzahom u cioe` billi illimita ruhu jghidilhom li l-forza barranija trid ssir fil-mument li jsir ir-reat minghajr ma jghidilhom ukoll li pero`, huwa ugwalment possibbli li ghalkemm it-theddid isir qabel huwa jkollu l-istess effett fil-mument li jsir ir-reat daqs li kieku li saret dak il-hin jekk it-theddid ikun ipperdura. B'hekk, kien

ikun korrett l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri li kieku kien spjegat ukoll lill-gurati li fil-mument tar-reat, it-theddid li kien sar qabel seta' kellu l-istess effett fuq l-appellant meta kien qed jikkommetti r-reat. Izda l-Qorti tat l-impressjoni li mhux accettabbli li d-difiza ta' forza magguri tkun invokata jekk il-forza barranija tibda jew issir qabel ma jsir ir-reat. Dan certament affettwa l-gurati biex jichdu d-difiza ta' forza magguri kif ipprezentata mid-difiza. Fi kliem iehor qed jigi sottomess li bil-mod li bih gew indirizzati l-gurati mill-ewwel Onorabbli Qorti huma gew zgwidati biex jikkonkludu li ga la darba t-theddid sar granet gabel allura wiehed ma setax jitkellem fuq forza magguri. Kien invece l-kaz illi jigi spjegat lilhom li l-permanenza ta' dik it-theddida serja sal-mument tal-kummissjoni tar-reat kienet taghmilha wahda attwali fil-waqt tad-delitt.

"Barra minn hekk, l-ewwel Onorabbili Qorti indirizzat il-gurati li l-appellant kellu jirrezisti li jikkometti r-reat. Minbarra mill-fatt li l-appellant spjega fix-xiehda tieghu kif hu pprova jaqta' qalb Chris Agius, billi intenzjonalment ipprova jipprezentalu bhala difficli li jaqla' parti mill-hajt, xorta wahda l-ligi ma tirrikjedix li jkun hemm xi prova ta' rezistenza, anzi jsemmi li l-forza barranija trid tkun tali li l-persuna ma jistax jirrezisti. Dan l-ewwel Onorabbili Qorti ma jidhirx li fehmitu sew lill-gurati. Huwa ferm possibbli wiehed ihoss li ma jistax joffri rezistenza mill-ewwel u li mhux possibbli ghalih li juri xi forma ta' rezistenza - effettivament imissu gie iccarat li t-theddid sar proprju minhabba r-rezistenza tieghu ghal dak li gie issuggerit lilu minn Chris Agius.

"Fuq l-istess difiza, il-Prosekuzzjoni attakkat l-kredibbilta` ta' l-appellant, minhabba l-fatt li hu xehed l-ewwel darba wara ghaxar (10) snin u kien f'dik l-okkazjoni li semma' l-ewwel darba t-theddid ta' Chris Agius. Il-Prosekuzzjoni implikat li dan kien qed isir sempliciment ghaliex illum Chris Agius huwa mejjet. L-Onorevoli Imhallef qal li din hi sempliciment kwistjoni ta' fatt u b'hekk il-guri ghandhom jiddeciedu dwar dan. Dan huwa korrett sa certu punt biss, ghaliex **Chris Agius kien ko-akkuzat**, u jekk ipotetikament kien

ghadu haj, ix-xiehda tieghu o meno, fejn seta' forsi jinnega dak li kien qal l-appellant qatt ma setghet tigi konsiderata ghaliex kien ikun ko-akkuzat u bir-regola ta' ko-akkuzat, dawn [ma] jistghux jippregudikaw ko-akkuzati ohra. Ghaldaqstant, l-asserzjoni tal-Prosekuzzjoni li Chris Agius kieku baqa' haj seta' jikkontradici dan u li l-appellant approfitta ruhu mic-cirkostanza tal-mewt ta' Agius kienet cirkostanza li jmissha giet spjegata lill-gurati izda li fil-fatt ma gietx hekk spjegata. Dan ma hux legalment korrett bil-konsegwenza bir-rizultat li l-gurati thallew bl-impressjoni li ma kellhomx jaghtu kaz ta' dak li kien qed jghid l-appellant."

Din id-difiza hi bazata fuq l-artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li **"Kull persuna tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali jekk fil-waqt ta' l-att jew tan-nuqqas – (b) kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha"**. L-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega fid-dettall din id-difiza tal-forza barranija mressqa mill-appellant Silvio Pace[11]. Din il-Qorti ezaminat il-parti relevanti ta' l-indirizz u hija tal-fehma li din hija sostanzjalment korretta. Jigi osservat l-ewwelnett illi hija l-ligi stess li tghid li l-forza barranija trid tkun tezisti "fil-waqt" ta' l-att jew tan-nuqqas. Naturalment dan ma jfissirx, kif qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri, li t-theddid li kien sar qabel il-hin tad-delitt "ma jiswa xejn". Kien ikun aktar korrett kieku qal li l-gurati kellhom jezaminaw jekk it-theddid li kien sar qabel kienx ghadu jezisti fil-mument tad-delitt. Fl-indirizz pero` gie tajjeb osservat li l-forza barranija trid tkun *"irresistible and not merely unresisted"*.[12] U kif jghid il-Profs. Sir Anthony Mamo[13]:

"… in order that there may be <u>total</u> exemption from punishment, the external force which has constrained the accused to do the act contrary to law, must be truly 'irresistible' and not merely 'unresisted'. This is why most writers limit the notion of moral coercion to threats of death or serious personal injury: for it is only such threats that may deprive the victim of his freedom of choice and

---

[11] Tape 83B p. 36 – 41.

[12] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Richard Gauci**, 13 ta' Settembru 2001; **Il-Pulizija v. Raymond Flatley et**, 7 ta' Novembru 2002.

[13] Lectures in Criminal Law, Vol. I, p. 99 – 100.

compel him to commit the offence. Threats of injury to property are not considered sufficient. This view seems best to accord with the above quoted provision of our Code. This was modeled on the identical provision of Art. 64 of the French Code and of Art. 62 of the Neapolitan Code. With regard to the former, Chaveau et Helie wrote: 'It is certain that the fear of a mere pecuniary loss cannot be considered as a force which the actor could not resist: there is nothing but the fear of death, or of grievous bodily harm which may suppress the will and compel the determination. If, on the one hand, the law cannot expect from the accused a heroic firmness of character, it cannot either pardon a blamable weakness'."

Accettat bhala kredibbli dak li qal Silvio Pace li kien mhedded minn Chris Agius li jekk ma jaghmilx il-bicca xoghol mieghu kien ser imur jghid lil martu (mart Pace) li hu (Pace) kien qieghed jiehu d-droga, u nonostante li Pace qal li kien ilu ftit xhur li zzewweg u kellhom tarbija ta' ftit xhur u beza' li jekk martu ssir taf kienet titilqu, tali theddid bl-ebda mod ma seta' jitqies bhala xi forza barranija irrezistibbli.

Kwantu ghall-ilment ta' l-appellant dwar dak li qalet il-prosekuzzjoni in konnessjoni mal-fatt li l-appellant Silvio Pace kien qieghed jirrakkonta din l-istorja ghall-ewwel darba u wara li kien miet Chris Agius, l-ewwel Qorti m'ghandha l-ebda obbligu *" to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…"*[14]. Inoltre korrettement halliet id-decizjoni f'idejn il-gurati jekk jaccettawx jew le bhala kredibbli dak li qal l-appellant Pace f'dan ir-rigward[15].

Konsegwentement anke dan l-ilment huwa michud.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellant John Polidano jghid dan:

"Illi dwar it-tieni aggravju, u cioe` dak illi l-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex setghu jsibu htija la taht l-Ewwel

---

[14] Goddard L CJ, Clayton-Wright (1948) 33 Cr App R 22 p. 29 kif citat fil-ktieb ta' Rosemary Pattenden **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), p. 178 – 180.

[15] Ara Tape 83B p. 37 ta' l-indirizz.

Kap, u lanqas taht xi wiehed miz-zewg Kapi alternattivi l-ohra (u cioe` it-Tieni u t-Tielet Kap) tal-Att tal-Akkuza, l-esponent jissottometti mill-ewwel, illi fl-umli opinjoni tieghu, dan johrog car mill-verdett tal-istess gurija fil-konfront tal-ko-akkuzat Spiteri. Kif setghet qatt, gurija ragonevoli, tasal ghal verdett bazat fuq il-provi li jiswew fil-konfront tal-akkuzat, u mhux fuq l-immaginazzjoni, illi l-esponent jigi misjub hati tal-akkuza taht l-Ewwel Kap, meta l-istess gurija sabet lil ko-akkuzat Spiteri hati taht it-Tielet Kap minghajr ic-cirkostanza illi n-nar ma xteridtx band'ohra, meta l-ftehim, skond il-provi li rrizultaw, dwar x'kellu jsir u ma kellux isir, kien bejn l-esponent u l-ko-akkuzat Spiteri biss? Meta fil-fatt, mill-provi irrizulta car illi l-esponent mhux talli qatt ma ftiehem ma' xi hadd mill-ko-akkuzati l-ohra (Agius u/jew Pace), izda talli wkoll lanqas biss qatt ma iltaqa' maghhom, talli wkoll lanqas biss ma kienx jafhom u talli wkoll li l-esponent ma kienx jaf illi kellhom ikunu mdahhla?

"Illi l-ewwel haga illi l-Prosekuzzjoni ippruvat taghmel f'dan il-kaz fil-konfront tal-esponent kien illi tipprova il-mottiv ta' l-esponent biex jikkawza l-ispluzjoni fil-hanut tieghu taht l-Ewwel Kap u l-hruq tal-hanut tieghu fiz-zewg Kapi alternattivi, kif allegat fl-att tal-akkuza, u cioe` illi l-esponent kien jinsab f'diffikultajiet finanzjarji. X'ghamlet il-Prosekuzzjoni biex tipprova din l-allegazzjoni?

"Gabet bhala prova lil xi persuni illi l-esponent, fil-kors tan-negozju tieghu, kellu kontijiet pendenti maghhom, u dan peress illi wara l-incident imsemmi fl-att tal-akkuza, uhud minn dawn kienu ghamlu kawza kontra l-esponent dwar dak li kien pendenti fil-kors tan-negozju. Dawn kienu x-xhud Cutajar li ghamel kawza fuq madwar Lm6000, u dan wara li gara (l-incident sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu; u x-xhud Petroni li ghamel kawza fuq madwar Lm900, u dan wara li gara l-incident sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu. Dawn ikkonfermaw illi kienu thallsu. Gabet ukoll lix-xhud Farrugia illi spjega li kien ghamel kawza ghal Lm30,000 kontra l-esponent wara l-incident sabiex jissalvagwarja l-interessi tieghu, u dan mhux ghax fil-fatt l-esponent kellu jaghtih Lm30,000, izda ghax l-esponent kien speci ta' garanti fuq bicca negozju li saret

ma’ wiehed Bulgaru. Dan ikkonferma illi fil-fatt dawn il-flus kienu thallsu minn min kellu jhallashom. Gabet ukoll bhala xhud rapprezentant tal-Bank of Valletta illi spjega l-esponent kellu *“overdraft”* mal-bank fl-ammont ta’ madwar Lm10,000. Dan ikkonferma illi din kienet xi haga normali fin-negozju. Anke din l-*“overdraft”* irrizulta li kienet giet *“settled”*.

“Mill-banda l-ohra, gie ppruvat mill-esponent, almenu sal-grad tal-probabbilita`, illi hu kellu kemm assi mobbli u kif ukoll assi immobbli ta’ certa portata u liema assi kien irnexxielu jaghmel permezz tal-qliegh minn negozju tieghu li kien ilu jiggestixxi ghal madwar 14 il-sena.

“Illi mhux talli l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni illi l-akkuzat kien f’xi diffikultajiet finanzjarji partikolari, izda talli gie ppruvat mill-esponent, almenu sal-grad tal-probabilita` illi hu kien sejjer tajjeb bin-negozju tieghu. Gie ipprovat ukoll mill-esponent, almenu sal-grad tal-probabilita`, illi bit-tigrif tal-hanut tieghu, mhux talli ma kellux x’jiggwadanja, izda talli n-negozju tajjeb illi kien rawwem fuq numru ta’ snin kien ser jisfa fix-xejn, kif fil-fatt gara bhala konsegwenza ta’ dak li gara. Fil-fatt, il-provi juru illi b’rizultat ta’ dak li gara, l-esponent tilef l-uniku mezz principali tal-ghejxien tieghu u tal-familja tieghu, li kienet tikkonsisti f’martu u erba’ uliedu minorenni.

“Illi l-esponent jissottometti bir-rispett illi filwaqt li prova ta’ mottiv jista’ jghin biex wiehed jasal ghall-intenzjoni, in-nuqqas ta’ mottiv, jew addirittura fatt illi jkun imur kuntrarju ghall-interessi tal-akkuzat, ghandu jghin lill-gudikant biex jeskludi xi wahda mill-intenzjonijiet taht l-ewwel tliet kapi tal-att tal-akkuza.
“Illi mill-provi irrizulta illi l-esponent ghamel ftehim mal-ko-akkuzat Spiteri biss u dan biex il-ko-akkuzat Spiteri jidhol fil-hanut tieghu biex jisraq u/jew ikisser oggetti li l-esponent ma setax ibiegh ghax kien ghadda zmienhom halli b’hekk ikon jista' jaghmel *“claim”* mal-insurance u jipprova jiehu minghand l-assikurazzjoni bejn Lm8000/Lm10,000. F’kelma wahda ried illi jiggwadanja illegalment mill-kumpanija assikuratrici, u wara li minn dawn il-flus kien

ihallas lil ko-akkuzat Spiteri (fil-bidu kien hemm diskors fuq xi Lm1,000, izda meta l-esponent ikkommetta ruhu, din telghet ghal Lm3500) kien jibqaghlu ftit gwadann, inkluz bil-valur ta' xi oggetti (li kellhom valur ta' madwar Lm1000) li kien nehha mill-hanut. Imma dan ifisser li l-esponent ried jeqred in-negozju tieghu? Fil-fatt, minn dak li qal l-esponent, irrizulta illi lil ko-akkuzat Spiteri kien urieh fejn kienu l-oggetti li riedu jisraq u/jew ikisser u fil-fatt kien minn dan il-post illi l-esponent warrab oggetti li kellhom valur ta' madwar Lm 1000. Fil-fatt fil-hanut kien ghad hemm oggetti ohra li jiswew eluf ta' liri u li qatt ma kellhom jintlaqtu la minn serq u/jew tkissir.

"Illi l-Kummissarju tal-Pulizija s-sur Alfred Calleja u d-Deputat Kummissarju tal-Pulizija s-sur George Grech, kemm fit-tieni darba li xehdhu fil-kumpilazzjoni (u biex jixhdu dwar dan gew imsejjha appozitament) u fil-kors tal-guri, u kif ukoll l-Ispettur Alphonse Cauchi, fil-kors tal-guri biss, xehdu illi waqt l-interrogatorju verbali tal-esponent meta dan kien qed jigi suspettat li kellu x'jaqsam f'dak li kien gara, u f'liema interrogatorju, skond huma, ma hadu l-ebda notamenti bil-miktub, l-esponent qallhom illi lil ko-akkuzat Spiteri qallu biex "jisraq, ikisser jew jahraq" jew xi kliem f'dan is-sens. Apparti mill-fatt illi l-esponent cahad kategorikament illi hu qatt semma' l-kelma hruq jew konnotati taghha kemm mal-ko-akkuzat Spiteri, u kif ukoll ma' ufficcjali tal-Pulizija jew ma' xi haddiehor, u dan anke fil-konfront li sarlu ma' Calleja u ma' Grech waqt ix-xiehda tieghu fil-kors tal-guri, hemm diversi cirkostanzi li rrizultaw u li certament ghandhom ihallu dubbju ragonevoli dwar kemm l-esponent semma' l-kelma hruq jew xi konnotati taghha ma' dawn l-ufficcjali tal-Pulizija. Dawn huma s-segwenti:

i) Illi rrizulta illi l-Kummissarju nniffsu flimkien mad-Deputy tieghu, kienu nkarigati mill-investigazzjoni ta' dan il-kaz.

ii) Illi rrizulta illi meta x-xhud Grech, f'okkazzjoni precedenti, kien qed jinterroga lill-esponent, u dan qabel ma l-esponent kien qed jigi kkunsidrat bhala suspettat, dan Grech mhux biss zamm notamenti bil-miktub, izda talli

wkoll esebixxa l-istess notamenti quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

iii) Illi l-ewwel darba illi Calleja u Grech xehdu fil-Kumpilazzjoni, la Calleja u lanqas Grech ma semmew illi l-esponent kien semma' maghhom il-kelma hruq, u fil-fatt, l-ewwel darba illi dawn xehdu dwarha, kien meta gew mharrka appositament biex jixhdu dwarha.

iv) Illi x-xhud Cauchi qatt ma xehed dwar il-kelma hruq fil-kumpilazzjoni, izda ftakar f'din il-kelma biss waqt il-kors tal-guri, kwazi ghaxar snin wara.

v) Illi kemm Calleja u kif ukoll Grech xehdu illi s-Supretendent Cachia, li ha stqarrija bil-miktub lill-esponent, u dan wara li dan kien gie interrogat minnhom, kien infurmat b'dak illi kien qallhom l-esponent, u li din, bhala investigaturi, kienet xi haga essenzjali ghalihom.

vi) Illi Cauchi kien prezenti l-hin kollu mas-Supretendent Cachia meta ttiehdet l-istqarrija bil-miktub tal-esponent.

vii) Illi din il-kelma ma ssib l-ebda post fl-istqarrija bil-miktub tal- esponent, lanqas almenu (forma ta' mistoqsija dwar xi dikjarazzjoni illi l-esponent seta' ghamel lill-Kummissarju u lid-Deputy tieghu. Ghall-kuntrarju, fl-istqarrija tal-esponent hemm imnizzel car u tond illi mal-ko-akkuzat Spiteri, l-esponent qatt ma tkellem fuq hruq izda biss dwar serq u/jew tkissir.

viii) Illi l-Magistrat Inkwirenti qatt ma gie infurmat illi l-esponent kien semma l-kelma hruq waqt xi interrogatorju.

"Illi d-difiza mhux qed tghid illi Calleja, Grech u Cauchi bilfors kienu qed jigdbu meta qalu dak li qalu dwar il-kelma hruq, skond huma msemmija mill-esponent. Ghax jista' jkun illi dawn, fl-assenza ta' notamenti bil-miktub, halltu dak illi kien allega il-ko-akkuzat Spiteri fil-konfront tal-esponent ma' dak li fil-fatt kien qalilhom l-esponent. Imma f'dawn ic-cirkostanzi, certament illi hemm dubbju ragonevoli dwar jekk l-esponent kienx qal dik il-kelma jew le.

“Illi fattur iehor li seta’ nfluenza negattivament lill-gurati kien il-fatt illi l-esponent, fil-hanut tieghu, kellu *“jerry-can”* trasparenti li tesa’ tletin litru, u li kien fiha ftit aktar minn nofsha bil-petrol.

“Illi jidher illi fil-kaz ta’ din ic-cirkostanza, bhal fil-kaz ta’ cirkostanzi ohra illi l-gurati gew mitluba jikkunsidraw, il-gurati ma ghamlux dak illi gew imwissija dwaru meta kellhom jigu biex jezaminaw l-indizji, u cioe` illi biex jiswa, l-indizju irid ikollu l-kwalita` tal-univocita`.

“Illi fil-fatt l-esponent spjega, kemm fl-istqarrija tieghu bil-miktub, u kif ukoll fix-xiehda li hu ta fil-kors tal-guri, illi din kienet wahda minn zewg *“jerry-cans”* illi hu kien juza biex jimla bil-petrol fil-magna tal-ispeed-boat li kellu, u liema magna kienet tesa’ mad-disghin (90) litru petrol. Dan peress illi meta kien johrog bl-ispeed-boat kien jahli mal-erbghin (40) litru, bejn wiehed u iehor, u ghalhekk *“jerry-can”* shiha tat-tletin (30) litru, u madwar ghaxar (10) litri minn *“jerry-can”* ohra. Kien ikollu wkoll petrol bizzejjed biex jekk jinqala’ xi haga kien ikollu bizzejjed petrol. Filwaqt illi l-*“jerry-can”* il-vojta kien jehodha mieghu d-dar, il-*“jerry-can”* li kien ikun ghad fiha l-petrol kien ihalliha fil-hanut. Din l-ispeed-boat kienet ilha ghand l-esponent sa mis-sajf tal-1990, u filwaqt illi matul ix-xhur tas-sajf kien ihalli l-ispeed-boat fil-bajja tal-Balluta, matul ix-xhur l-ohra kien ihalliha f’garage fiz-Zurrieq. Fil-fatt, matul is-sajf, l-esponent kien ihobb johrog bl-ispeed-boat tieghu matul il-granet tal-gimgha, ghalkemm mhux kuljum, u dan meta kien jaghlaq l-hanut tieghu wara nofsinhar. Meta kien ikun iddecieda illi ser johrog bl-ispeed-boat, l-esponent kien jimla’ bil-petrol dik il-*“jerry-can”* vojta li kien ikun ha mieghu d-dar, u dan mill-Petrol Station li hemm Hal Safi u li hu l-eqreb Petrol Station ghal fejn kien joqghod fiz-Zurrieq, u jhalliha fil-van li kellu u li kien jipparkja quddiem il-hanut f’Rahal Gdid. Meta kien jasal il-waqt li jmur il-Balluta, kien jiehu mieghu l-*“jerry-can”* li kien ikollu fil-hanut. Wara li jasal lura mill-Balluta, kien ihalli l-*“jerry-can”* li kien ikun fiha l-petrol fil-hanut u l-*“jerry-can”* vojta kien jehodha mieghu d-dar. Meta kien hareg l-ahhar darba bl-ispeed-boat fl-ahhar tas-sajf tal-1991, kien ghamel kif kienet id-drawwa tieghu, u halla l- *“jerry-can”* li kien ghad

fiha ftit aktar minn nofsha bil-petrol f'kamra illi kienet tigi wara l-kamra ta' barra tal-hanut. Din kienet id-drawwa tieghu u kien ghamel l-istess bejn l-ahhar tas-sajf 1990 u l-bidu tas-sajf 1991.

"Illi apparti minn din il-kelma dwar hruq msemmija mill-ufficcjali tal-Pulizija, u apparti minn din ic-cirkostanza tal-petrol fil-hanut, ma hemm xejn fil-provi, illi jistghu jiswew fil-konfront tal-esponent, u li jista' b'xi mod jinghad illi jghaqqdu lill-esponent ma' xi wahda mill-akkuzi taht l-ewwel tlett Kapi tal-att tal-akkuza.

"Imma anke kieku ghall-grazzja tal-argument kellu jinghad illi l-gurati kellhom provi sufficjenti illi setghu iwassluhom biex jikkonkludu illi bejn l-esponent u l-ko-akkuzat Spiteri kien hemm ftehim illi l-oggetti ta' gol-hanut jinharqu, u dan bil-petrol illi l-esponent kellu fil-*"jerry-can"* li kien hemm fil-hanut, kif setghu l-gurati, biex ikunu konsistenti maghhom infushom, jaslu ghal konkluzjoni illi l-ko-akkuzat Spiteri kellu l-intenzjoni tal-hruq biss, filwaqt illi l-esponent kellu l-intenzjoni illi ssir spluzjoni b'sustanza esplossiva. Illi f'dan ir-rigward, tidher li hija ferm logika l-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Onor. Imhallef illi ppresjieda l-guri meta f'wahda mill-kunsiderazzjonijiet tieghu dwar il-piena li kien ser japplika osserva meta qal, "illi l-fatt li l-guri sab lil John Polidano w Silvio sive Salvatore Pace hatja tad-delitt taht l-Ewwel Kap, dak tal-esplosjoni, filwaqt li sab lil Vincent sive Censu Spiteri hati taht it-Tielet Kap, dak tan-nar biss (minghajr esplosjoni) u minghajr ic-cirkostanza li dan in-nar fil-fatt qabbad il-post fejn kienet il-familja Bonnici, juri b'mod evidenti li l-guri kien sab li f'dak li ghamlu John Polidano w Silvio sive Salvatore Pace, huma kienu marru oltre il-hsieb komuni originali tal-hruq biss, u dan meta Vincent sive Censu Spiteri ma kien jaf b'xejn". X'ifisser dan? Ifisser illi l-gurati waslu ghall-htija tal-esponent taht l-Ewwel Kap mhux fuq il-provi izda fuq l-immaginazzjoni. Ghax kif jistghu tnejn min nies illi lanqas biss jafu lil xulxin, illi qatt ma ltaqghu flimkien, li qatt ma ikkomunikaw ma' xulxin, u meta l-esponent ma kienx jaf illi Pace kellu jkun involut, setghu qatt jaslu biex ikollhom *"a common design"* differenti minn ta' dak li ghaqqadhom flimkien fil-*"common design"*"? Raguni wahda ghal dan tista' tkun dik l-ispjega illi ta l-Onor. Imhallef meta spjega

lill-gurati l-punt ta’ dritt dwar kif tikkomunika l-gravita` f’delitt miftiehem bejn diversi kompartecipi, kif imsemmi aktar ‘il fuq. Raguni ohra tista’ tkun illi l-gurati, nonostante li gew imwissja biex joqoghdu ferm attenti milli jhalltu provi li jistghu jiswew ghal xi ko-akkuzat wiehed biss, waqghu fin-nassa illi halltu provi li jiswew ghal wiehed mill-ko-akkuzati ma’ dawk li setghu jiswew ghal ko-akkuzat iehor. Raguni ohra tista’ tkun illi l-gurati, fejn il-provi ma kiinux iwasslu, ssostitwew il-provi bl-immaginazzjoni. Anke fuq dan biss, jidher car illi fil-kaz tal-esponent, saret *“a gross miscarriage of justice”*.

“Illi fil-fatt, fuq il-kwistjoni tal-petrol, l-espert il-Profs. Vella, ghamel is-segwenti hames konstatazzjonijiet:

i) li l-ispluzjoni li sehhet ma kinitx b’rizultat ta’ xi ordinju esplussiv;

ii) li l-ispluzjoni ma sehhitx sempliciment ghax tqabbad x’imkien permezz tal-petrol imma ghax il-fwar tal-petrol thallat ma’ l-arja, u meta s-shana lahqet lil din it-tahlita ta’ fwar u arja, sehhet l-ispluzzjoni;

iii) li fic-cirkostanzi tal-ambjent tal-Oxford Photo Studio, anke ghaxar (10) litri petrol, setghu kienu sufficjenti biex tigri l-ispluzjoni li fil-fatt sehhet;

iv) li f dak iz-zmien li gara dan il-kaz, ftit kienu dawk f’Malta illi kienu jafu illi l-petrol jista’ jikkawza spluzjoni. Fil-fatt qal ukoll illi f’kaz li kien gara ftit tax-xhur qabel, kemm il-Magistrat Inkwirenti u kif ukoll l-Ispettur tal-Pulizija inkarigat mill-investigazzjoni, ma riedux jemmnu illi spluzjoni li kienu qed jinvestigaw kienet grat permezz ta’ petrol;

v) li ghalkemm hu u l-esperti l-ohra fittxew appozitament ghal xi kontenitur li fih seta’ kien hemm il-petrol, ma nstab l-ebda kontenitur jew fdalijiet tieghu, u ghalih dan kien fatt stramb hafna ghax normalment oggett ma jigix meqrud ghal kollox. Aktar u aktar kienet tkun stramba mela li kieku kien hemm aktar minn kontenitur wiehed.

“Ghaliex qed jigi sottomess dan?

“Ghax jidher illi l-gurati, filwaqt illi njoraw ghal kollox dak li qal il-Profs. Vella f’dan ir-rigward, jidher li dawn qaghdu fuq dak illi kien qal fl-istqarrija bil-mitkub il-ko-akkuzat Pace u/jew dak li xehed il-ko-akkuzat Pace fil-kors tal-guri, dwar il-petrol - zewg kontenituri kbar mimlija petrol, skond kif kien qallu li kellu jsib il-ko-akkuzat Spiteri, u tnejn kbar xi zewg piedi mimlijin tlett kwarti, kif qal fil-fatt kien sab (u dan skond dak li hemm fl-istqarrija bil-miktub tieghu) - u zewg kontenituri li jesghu ghaxar litri nofshom mimlija (u dan skond ix-xiehda ta' Pace fil-kors tal-guri). Jekk il-gurati ghamlu dan, u dan biex allura waslu mill-kwantita` ghall-intenzjoni li jkun hemm spluzjoni, dan ghamluh kontra dak li tiddisponi l-ligi, u cioe` illi l-istqarrijiet ta’ ko-akkuzat u/jew ix-xiehda li jaghti ko-akkuzat jiswew ghalih biss u bl-ebda mod ma jistghu jservu ta’ xi pregudizzju ghal xi ko-akkuzat iehor. Madankollu, jidher illi l-gurati hadu dak li hemm fl-istqarrijiet u fix-xiehda ta’ diversi ko-akkuzati bhala prova u/jew bhala argument fil-konfront tal-esponent. Oltre dan, jidher ukoll, illi Ilgurati waslu ghal konkluzjoni, bazata fuq l-immaginazzjoni, illi l-esponent u l-ko-akkuzat Pace ghamlu xi ftehim separat bejniethom illi kien imur oltre dak illi l-esponent kien ftiehem mal-ko-akkuzat Spiteri u dak li l-ko-akkuzat Spiteri kien ftiehem maz-zewg ko-akkuzati l-ohra (Agius u Pace), u dan anke jekk l-esponent qatt ma tkellem mal-ko-akkuzati Agius u/jew Pace u anke jekk irrizulta illi meta grat l-esplozjoni l-esponent kien rieqed fid-dar tieghu fiz-Zurrieq.

“Illi fil-fatt ukoll, sfortunatament ghall-esponent, dan ma seta’ bl-ebda mod jistrieh u/jew jinqeda la bl-istqarrijiet bil-miktub tal-ko-akkuzati u lanqas bix-xiehda li dawn taw, ghax kieku seta’ jaghmel dan, mhux biss kien jirnexxilu juri lill-gurija ragonevoli illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova fil-konfront tieghu l-ebda wahda mill-akkuzi fl-ewwel tlett Kapi tal-Att tal-Akkuza, izda talli kien jirnexxilu jipprova l-innocenza tieghu f’kull wiehed minn dawn it-tlett kapi.

“Illi effettivament, bil-verdett taghha, il-gurija sabet htija fl-esponent taht l-ewwel Kap meta dan hu innocenti. Allura jidher illi l-maggoranza kbira tal-gurati, ma emmnux dak illi

sostna l-esponent kemm fl-istqarrijiet tieghu lill-Pulizija u kif ukoll meta dan xehed fil-kors tal-guri, u dan nonostante l-konsistenza tieghu u nonostante illi f'diversi aspetti ta' dak li stqarr u xehed dwaru hu fih ikkoroborat. Imma gurija ragonevoli kienet tkun intitolata illi lill-esponent ma temmnux? Ghax jekk wiehed jasal ghal konkluzjoni illi gurija ragonevoli ma kellhiex dritt illi l-esponent ma temmnux, allura l-konsegwenza hi illi permezz ta' dan il-verdett saret *"a gross miscarriage of justice"*, li din l-Onorabbli Qorti ghandha d-dover illi ma thallix li tipperpetwa ruhha.

"Illi l-esponent jissottometti bir-rispett, illi ghajr ghac-cirkostanza dwar jekk mal-Kummissarju tal-Pulizija u mad-Deputat tieghu l-esponenti semmiex il-kelma hruq jew le, l-esponent mhu kontradett minn ebda xhud u minn ebda cirkostanza. Ciononostanti, il-gurija dehrilha illi m'ghandhiex temmen lill-esponent. Imma jista' jinghad illi l-gurija kienet ragonevoli f'dak li ghamlet? Oltre dan, jidher illi l-gurija issostitwiet il-provi bl-immaginjazzjoni. Imma meta ghamlet dan, il-gurija kienet intitolata illi taghmlu dan?

"Illi wahda mic-cirkostanzi illi probabbilment dwarha l-gurati m'emmnux lill-esponent kienet ic-cirkostanza tal-*"jerry-can"* bil-petrol fil-hanut tieghu u dwar l-iskop li l-esponent qal li din kienet fil-hanut. Ghalkemm dak illi spjega l-esponent jista' jidher stramb ghal xi whud, wiehed irid jaghmel distinzjoni bejn x'ghandu mis-sewwa u dak li hu kkunsidrat bhala stupidu. Mhux dak kollu li hu stupidu ma jaghmluhx il-bnedmin. Kieku kien hekk, la qatt jigru incidenti tat-traffiku, jew kwazi qatt, la qatt jigru incidenti li fihom imutu jew ikorru gravi nies fuq il-post tax-xoghol, jew kwazi qatt, u wiehed jista' jibqa' sejjer jaghti l-ezempji mill-hajja ta' kuljum illi l-bnedmin, anke dawk l-aktar intelligenti, gieli jaghmlu affarijiet li ma jitwemmnux. Ara li kieku, per ezempju, l-esponent qal illi fil-*"jerry-can"* kien hemm litru biss petrol, jew kieku irrizulta illi mhux veru illi l-esponent kellu speed-boat, jew kieku irrizulta illi filwaqt illi l-petrol li gie imxerred fil-hanut kien tat-tip *"leaded"*, kif fil-fatt irrizulta, il-petrol li tiehu l-magna tal-ispeed-boat kien tat-tip "unleaded", jew li kieku irrizulta illi l-magna tal-ispeed-boat

kienet tahdem bid-diesel u mhux bil-petrol, wiehed seta' ragonevolment jasal ghal konkluzjoni illi l-esponent ma kienx qed jghid is-sewwa fl-ispjega tieghu dwar il-*"jerry-can"* bil-petrol fil-hanut tieghu. Imma f'dak li qal l-esponent dwar din ic-cirkostanza mhux talli mhu kontradett minn hadd u minn xejn, izda talli wkoll f'diversi aspetti hu korroborat. U f'dan ir-rigward ukoll, tohrog wahedha l-mistoqsija, illi kieku wiehed ikun irid illi jikkaguna spluzjoni, inkella hruq, dan ihalli *"jerry-can"* mimlija ftit aktar minn nofsha jew ihalli *"jerry-can"* mimlija kollha kemm hi? Imma jidher illi l-gurati ma kkunsidraw xejn minn dan kollu u waslu ghal konkluzjoni taghhom jew fuq provi li ma setghux jaghmlu uzu minnhom inkella mill-immaginazzjoni. Jidher ukoll illi l-gurati ma osservawx dak li ntqalilhom dwar il-provi indizjarji, u cioe` illi biex dawn ikunu jiswew dawn irid ikollhom il-kwalita` tal-univocita`.

"Illi rrizulta wkoll illi l-ko-akkuzat Vincent Spiteri, mhux biss kien habib mal-esponent ghal diversi snin, izda wkoll li dan kien midhla sew tal-hanut tal-esponent. Fil-fatt l-esponent gieli inkarigah biex ipingilu fil-hanut stess xi xeni f'okkazjonijiet bhal ma huma l-Karnival, il-Precett u IlMilied biex l-esponent kien ikun jista' juzahom bhala *"background"* ghar-ritratti li kien jiehu f'dan il-post f'dawn l-okkazjonijiet. Dan ifisser illi l-ko-akkuzat Spiteri kellu kull opportunita` li jkun jaf x'hemm f'kull kamra tal-hanut tal-esponent. Oltre dan, dakinhar illi sar il-ftehim preciz dwar is-serq u/jew tkissir, u cioe` it-Tnejn, 16 ta' Marzu, 1992, u dan wara illi fil-gurnata ta' qabel l-esponent kien qal lill-ko-akkuzat Spiteri illi meta jrid kien lest li jitkellem fuq il-proposta li kien ghamillu, l-istess ko-akkuzat Spiteri, dahal fil-kamra fejn kien hemm il-*"jerry-can"* trasparenti bil-petrol. Dan il-ftehim sar f'zewg stadji li kienu mbeghda minn xulxin b'xi kwarta jew nofs siegha.

"Illi ghalkemm skond il-ligi, l-esponent ma jista' juza xejn minn dak li qal xi ko-akkuzat f'xi stqarrija tieghu, pero` ghal fini ta' amministrazzjoni tajba tal-gustizzja, u ghas-serhan tal-mohh u tal-kuxjenza tal-gudikant, bl-iskop illi bniedem innocenti ma jinstabx hati ta' xi haga li m'ghamilx, l-esponent jazzarda f'dan l-istadju illi jaghmel referenza ghall-istqarrijiet tal-ko-akkuzati Agius u Pace, u li l-esponent

ma kienx jaf li kienu ser ikunu mhaddhla fil-pjan miftiehem bejnu u l-ko-akkuzat Spiteri. Dawn jghidu illi l-pjan originali miftiehem ma' Spiteri kien illi jisirqu u/jew ikissru. Imbaghad f'daqqa wahda dar kollox. Meta? Wara li l-ko-akkuzat Spiteri dahal fil-kamra fejn kien hemm il-*"jerry-can"* bil-petrol biex jiehu xi tazzi tat-te u jidher illi gietu l-ideja brillanti illi biex jehles hafif, kien ikun ahjar illi jaghmel pjan biex jinghata n-nar lill-hanut.

"Illi pero` hemm prova li tiswa u li tista' tixhet xi dawl fuq dan. Il-Prosekuzzjoni gabet diversi xhieda biex jghidu jekk fil-gurnata tal-Hadd qabel ma grat it-tragedja, u cioe` fil-15 ta' Marzu, 1992, kienux semghu lill ko-akkuzat Spiteri jghid illi kienu ser jaraw il-*"fire-engine"*. Hadd minn dawn ma kkonferma illi kien intqal xi diskors simili. Jew dan inghad mill-ko-akkutat Spiteri [biex] jghatti xturu, jitfa' ir-responsabilita` ta' dak li gara ghal fuq l-esponent u b'hekk igib kemm jista' jkun il-bocca qrib il-likk?

"Illi meta wiehed jikkunsidra dan kollu, u hwejjeg ohra li jigu spjegati ahjar waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, l-esponent jissottometti bir-rispett kollu, illi l-gurati, aktarx ukoll ghax fl-umli fehma tal-esponent u bir-rispett kollu lejn l-Onor. Imhallef illi ppresjeda l-guri, ghax diretti hazin fuq xi punti ta' dritt kif imsemmi hawn fuq, sabu lill-esponent hati hazin fuq il-fatti."

Dwar it-tieni aggravju l-appellant Silvio Pace jghid hekk:
"(a) Il-petrol tpogga minn persuna ohra u m'hemm l-ebda prova li l-appellant dahhal xi ammont ta' petrol, anzi l-provi juru l-kontra. B'hekk jew Vincent Spiteri jew John Polidano jew it-tnejn poggew il-petrol fil-hanut Oxford Photo Studio, biex jintuza biex l-istock jinghata n-nar. B'hekk l-appellant ma kellux il-kontroll fil-kwantita` u l-kwalita` tal-petrol. Kellu biss struzzjonijiet biex jaghti n-nar bil-petrol li haddiehor kien se jipprovdi. L-appellant jistaqsi kif seta jkun jaf jekk dak il-haddiehor halliex kwantitajiet ta' petrol sufficjenti biex johloq spluzzjoni? Anzi una volta il-provi huma dawk li huma kif seta' jkun jaf li l-intenzjoni ta' haddiehor kienet li tigi kawzata spluzjoni u mhux merament hruq kif kien gie suggerit lilu li kien l-iskop ta' l-operazzjoni kollha?

"(b) Huwa car minn kif aggixxa l-appellant li huwa ma kellux l-intenzjoni rikjesta mill-ligi. Kjarament jekk hemm xi haga mill-aktar ovvja li tohrog mill-provi din hija li b'dak li ghamel l-appellant kien qed jirriskja hajtu u l-konkluzjoni ovvja kellha tkun li huwa agixxa kif agixxa proprju minhabba il-fatt li ma kienx konxju li kienet ser tigi kkawzata spluzzjoni kif fil-fatt gara.
"Anki il-modu agendi hu indikattiv ta' dan! Huwa ma uzax xi nicca twila li kienet ittih ic-cans li jahrab minn fuq il-post, m'ghamilx xi timer, izda stupidament qabbad karta u tefa' l-karta fil-post meta tela' t-tielet targa bir-rizultat li ghandu jirringrazzja 'l Alla li ma baqax mejjet fuq il-post bhal ma gara lil haddiehor. Il-feriti li garrab juru minghajr l-ebda dubbju li kienet fortuna li ma safax ferut gravement jew addirittura miet. Kull ma kien hemm bejnu u fejn sehh l-ispluzzjoni kien hemm semplici wisa' ta' kantun.

"(c) Xiehda importanti kienet dik tal-Prof Alfred Vella li qal li fl-1992 il-fenomenu bit-tixrid ta' petrol tista' ssehh spluzzjoni ma kienx maghruf u spjega kif kien hemm incidenti simili ghaliex min ikun uza l-petrol ikun ried jahraq biss. Semma' li f'kas iehor fejn Magistrat Inkwerenti dak iz-zmien kien xettiku li dan il-fenomenu kien possibbli. B'hekk skond ix-xiehda ta' Prof. Vella, kien hemm injoranza generali bir-rizultat li kien probabbli li l-uzu ta' petrol kien intenzjonat biex wiehed jahraq biss u mhux biex jikkawza spluzzjoni. Cionosante l-appellant gie misjub hati meta kellu jkun car li ma setax anqas immagina li kien ser jikkawza spluzjoni. Dan kien vitali, ma kienx difficli li jiftiehem minn gurija normali."

Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, id-deposizzjonijiet tax-xhieda, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef (u salv dak li ntqal fuq), setghux legalment u ragjonevolment jaslu

ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta’ l-appellant fir-rigward ta’ l-Ewwel Kap ta l-att ta’ akkuza (peress illi dwar ir-Raba’ Kap qed tintalab il-konferma) skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta’ l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b’taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b’mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[16].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll[17]:

“The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word ‘unsafe’ should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a ‘lurking doubt’ as to

---

[16] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Alfred Azzopardi**, 8 ta’ Novembru 2007; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[17] Para. D22.15 pagna 1622.

whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):

'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.

However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm

- xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."

L-ewwel punt li jrid jigi deciz fir-rigward ta' l-appellant John Polidano hija l-kwistjoni dwar jekk kienx ammetta mal-Pulizija li huwa kien qal lil Vincent Spiteri li ried li jsir tkissir, serq jew hruq fil-hanut tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu li l-appellant John Polidano kien effettivament ammetta dan mal-Pulizija. Huwa veru illi fl-Istruttorja l-allura Kummissarju Alfred Calleja u l-allura Deputat Kummissarju George Grech ma xehdux dan il-fatt mill-ewwel u gew riprodotti f'seduta sussegwenti. Minn ezami ta' l-atti ta' l-istruttorja jirrizulta illi meta xehed l-ewwel darba l-Kummissarju Calleja, qal semplicement li wara li lil John Polidano sarulu xi konfronti, "dan ammetta ukoll li hu kien qabbad lil Censu Spiteri biex jaghmillu din il-bicca xoghol"[18]. Il-prosekuzzjoni, kif kellha kull dritt li taghmel, irriproduciet lil dan ix-xhud fis-seduta sussegwenti[19] sabiex jispjega x'kien li ammetta John Polidano. Wara li qal li Polidano kien qalilhom "li hu kien qallu lil Spiteri li ma jinteressahx jekk ikissru, ifarrku, jaharqu, jaghmlu x'jaghmlu, basta jehilsuh mill-istock il-qadim li kellu", saritlu kontro-ezami twila mid-difensur ta' Polidano li matulha baqa' jinsisti fuq dan id-diskors li kien qallhom Polidano. Kwantu ghad-Deputat Kummissarju George Grech, meta xehed l-ewwel darba waqt l-Istruttorja[20], huwa qal biss fir-rigward ta' John Polidano li "wara ammetta wkoll John Polidano li fil-bidu cahad". Riprodott mill-prosekuzzjoni fis-seduta sussegwenti[21], gie wkoll mistoqsi x'kien dak li ammetta Polidano u huwa qal li

[18] Seduta tas-6 ta' April 1992.
[19] Seduta tad-9 ta' April 1992.
[20] Seduta ats-6 ta' April 1992.
[21] Seduta tad-9 ta' April 1992.

Polidano kien qal lilu u lill-Kummissarju tal-Pulizija li ftehmu "li Spiteri kellu jsib lil xi hadd minhabba l-insurance l-i*stock* antik jispicca. Ghidnilu 'jispicca kif?' Qalilna 'X'jimpurtani', qal 'jaharqu, ikissru, jisirquh' dawn il-precizi kelmiet, 'imbasta jehilsuni minnu'." Waqt il-guri dawn iz-zewg xhieda kkonfermaw ukoll ghal diversi drabi, inkluz waqt konfront li sar ma' l-appellant John Polidano meta dan kien qieghed jixhed, illi huwa kien semma' maghhom il-kelma "hruq".

Hemm imbaghad prova indizzjarja konsistenti fl-ammissjoni tieghu illi fil-hanut kellu *jerry-can* bil-petrol. Huwa minnu li jaghti spjegazzjoni ghal dan, cioe` illi *jerry-can* parzjalment mimli kien ihallih il-hanut biex meta johrog bl-i*speed-boat* wara nofs inhar jiehdu mieghu u jghabbih fuq l-*ispeedboat*. Sadattant kien ikollu *jerry-can* iehor li jkun zvojta u li dan jiehu mieghu d-dar sabiex meta jkun sejjer bl-i*speed-boat* l-ghada, jghaddi jimlieh l-pompa u b'hekk meta jaghlaq il-hanut jiehu mieghu kemm dak li jkun mela filghodu kif ukoll l-iehor li kien izomm fil-hanut. Meta jirritorna l-hanut filghaxija kien ihalli l-*jerry-can* parzjalment mimli fil-hanut. Huwa evidenti li l-gurati ma qisux din l-ispjegazzjoni bhala wahda verosimili, kif l-anqas din il-Qorti ma tista' tqisha verosimili, u dan peress illi l-ahhar li, skond hu, kien hareg bl-i*speed-boat* kien f'Settembru ta' qabel ma gara l-kaz in ezami, cioe` madwar sitt xhur qabel. Ma jaghmel l-ebda sens li jithalla *jerry-can* bil-petrol fil-hanut ghal dawk ix-xhur kollha, kif qal hu, "bla ebda fini ta' xejn".

Punt iehor huwa jekk l-appellant John Polidano kienx jaf li Vincent Spiteri kien qabbad zewg persuni ohra biex "jaghmlu din il-bicca xoghol". L-appellant jichad. Interessanti pero` xi brani fl-istqarrija ta' l-appellant u li sejrin jigu riprodotti:

"Allura int kont se tohrog Lm3,500 biex <u>jisirqu</u> dan l-istok u <u>jkissru</u> parti mill-hanut?

Jiena ma kontx naf fejn u kemm se <u>jaghmlu</u> hsara. Jiena <u>ghid[t]ilhom</u> biex fejn se <u>jmissu</u>, <u>tajthom</u> id-direzzjoni fejn

kienu l-affarijiet il-qodma, jigifieri lil Censu kont ghid[t].” (sottolinear ta’ din il-Qorti)

Meta xehed waqt il-guri, gie mistoqsi dwar dan mid-difensur tieghu:

“Dif: Pero` din ir-risposta tibda fil-plural u tispicca fis-singular. Jigifieri hawn ‘jiena ghidilhom’, nahseb trid tigi ‘ghidtilhom’, ma nafx, ma nistax nghid, ‘ghidilhom biex fejn se jmissu, tajthom id-direzzjoni fejn kienu l-affarijiet il-qodma.’ Imbaghad ghidt ‘jigifieri lil Censu kont ghidt.

Xhud: Ghax jien meta kien qed ikellimni u kont qed nirrispondi kont qed nirrispondih din id-domanda specjalment fil-plural, imma mbaghad ftakart, ftakar li jien lil censu biss kont qed inkellem, allura ridt naghmel referenza ghal dak il-kliem li jien kont tkelimt fil-plural mieghu, ma’ Alfons Cauchi jew ma.”

Fl-istess stqarrija tieghu jirrizulta li saritlu wkoll is-segwenti mistoqsija li ghaliha wiegeb bil-mod infraskritt:

“Int ghid[t] li lil Censu tkellimt mieghu nhar il-Hadd 15 ta’ Marzu 1992. Kif tispjega li t-tnejn l-ohra kienu ilu jafu x’se jigri ghal dawn l-ahhar tliet gimghat?

Jiena l-Hadd tkellimt ma’ Censu. It-Tnejn kien jaf kollox, issa jekk dan <u>qallhom</u> x’kien se jigri, jiena ma nafx, pero` mieghu tkellimt gimgha qabel jew wara l-elezzjoni.” (sottolinear ta’ din il-Qorti)

Meta xehed waqt il-guri gie mistoqsi jekk dak li qal hawn kienx korrett u huwa wiegeb “Ezatt”.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti dawn il-brani juru li l-appellant Polidano kien jaf bl-involviment taz-zewg persuni l-ohra, u cioe` li kienu se jkunu huma l-awturi tad-delitt. L-ispjegazzjoni li pprova jaghti dwar l-ewwel bran ma taghmel l-ebda sens u dwar it-tieni bran huwa kkonferma dak li kien stqarr mal-Pulizija.

Dwar il-*modus operandi* huwa car li l-appellant Polidano kien jaf kif kien ser isir l-access ghall-hanut tieghu, ghalkemm fl-istqarrija tieghu jirreferi ghal kif Vincent Spiteri kellu jghaddi. Effettivament, jirrizulta mill-provi stabbiliti mill-esperti, li d-dhul minn Christopher Agius u Silvio Pace sar kif qal l-appellant fl-istqarrija, cioe` mill-flats fejn kien joqghod Vincent Spiteri ghal gol-Kazin tal-Labour mnejn accedew ghall-bitha tal-Kazin u qalghu kantun fil-hajt ta' l-appogg mal-hanut.

Stabbilit li l-appellant Polidano semma' tkissir, serq jew hruq, stabbilit li fil-hanut kien hemm almenu *jerry-can* wiehed kontenenti l-petrol, stabbilit li kien jaf bl-involviment taz-zewg persuni l-ohra u li sahansitra kien jaf kif kien ser isir l-access ghal gol-hanut tieghu, difficilment jista' jinghad li l-gurati ma setghux legalment u ragjonevolment jikkonkludu li kien jezisti *"a common design"* bejn il-ko-partecipanti. Il-fatt tal-prezenza tal-petrol fil-hanut u l-uzu tieghu mbaghad iwasslu ghall-konkluzjoni inevitabbli li kien hemm qbil dwar l-uzu tal-petrol. Biss, anke jekk l-appellant baqa' ma kienx specifiku dwar it-tip ta' hsara li ried li ssir, jigifieri <u>halliha f'idejn il-ko-partecipanti l-ohra</u>, ma jistax b'daqshekk jezimi ruhu mir-responsabbilta`. Ghall-kuntrarju, irid iwiegeb ghal kwalunkwe tip ta' hsara li tirrizulta.

F'dan l-istadju ghandu jigi determinat jekk bil-hruq li sar u konsegwenti spluzjoni, jistax jinghad li hemm l-elementi mehtiega biex jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 311 tal-Kap. 9.

Iz-zewg appellanti jirreferu ghall-konstatazzjonijiet li ghamel l-espert forensiku l-Prof. Alfred Vella dwar il-kwistjoni tal-petrol. Certament dawn ghandhom valur. Izda din il-Qorti mhijiex sodisfatta li b'daqshekk l-appellanti ma pprevedewx "spluzjoni ta' nar". Jinghad l-ewwelnett illi din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-petrol irid jitqies bhala sustanza splussiva fit-termini tal-ligi[22]. Ghalhekk f'dan il-kaz <u>in-nar gie abbinat ma' sustanza esploziva</u>. Il-Prof. Vella fix-xiehda tieghu rrefera ghal mill-anqas zewg

[22] Ara artikolu 314 tal-Kodici Kriminali.

kazijiet ohra f'Malta li graw qabel l-incident in kwistjoni fejn hu kien gie nominat bhala espert forensiku u fejn kien irrizultalu li kienet sehhet spluzjoni minhabba petrol. Ta' min josserva wkoll illi l-effetti splussivi kif spjegati mill-Prof. Vella ilhom maghrufa. Bizzejjed issir referenza ghall-"Molotov cocktail", tip ta' ordinju li ilu jezisti ghal ghexieren ta' snin u li l-ispluzjoni kawzata meta jintefa' l-flixkun kontenenti l-*fuel* jiddependi mill-fatt illi l-flixkun kontenenti l-*fuel* ma jkunx mimli. Hemm imbaghad il-fatt maghruf minn kulhadd li l-petrol huwa, kif anke stqarr il-Prof. Vella, *"an accelerant"* li allura jghin sabiex nar iheggeg malajr u anke, kif issemma', "jivvampja". Din il-Qorti ma tistax l-anqas ma tinnotax illi l-appellant Polidano, bhala fotografu li kien jizviluppa r-ritratti, kellu access ghal u konoxxenza anke ta' kimika li tintuza f'dak il-process u ghalhekk necessarjament konoxxenza ta' l-uzu jew mizuzu ta' kimiki. Importanti wkoll il-fatt li jidher li ntuza ammont sostanzjali ta' petrol, tant illi l-esperti sabu diversi oggetti li kienu mxarrbin bil-petrol u f'post minnhom, fil-hamrija li tigi taht l-art ta' parti mill-hanut ta' Polidano kien hemm riha li facilment tinxtamm ta' petrol indikanti li qabel ma l-petrol qabad kien dahal fil-hamrija[23]. Fil-fatt fir-relazzjoni tieghu l-Ispizjar John Darmanin jghid: "Ghax il-hamrija hi 'absorbent' tajjeb u l-presenza tal-petrol baqghet identifikabbli granet wara l-fatt, l-ammont ta' petrol li originarjament dahal fil-hamrija kien sinjifikanti u mhux biss tracci. Ghalhekk jidher li hu probabbli hafna li dan il-petrol xtered fuq l-art tal-Oxford Studio fejn ghadda bejn il-fili tal-madum ghal gol-hamrija."

Dan ma jfissirx li l-appellanti riedu li jikkrolla blokk bini jew li riedu li jmutu n-nies. Izda certament il-hsara li riedu jaghmlu bil-mezzi uzati kienet hsara gravi, u dan mhux biss lil dak li kien jappartjeni lill-appellant Polidano (peress illi ried jehles minn *stock* antik) izda wkoll "lil hwejjeg haddiehor"[24] (il-hanut fil-fatt kien proprjeta` ta' haddiehor). Difficilment jista' wiehed jargumenta illi bil-mezzi uzati u bil-mod kif inxtered il-petrol, il-hsara kienet ser tkun limitata ghal dak l-i*stock*.

---

[23] Ara relazzjoni Spizjar John Darmanin a fol. 369 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[24] Art. 311 tal-Kodici Kriminali.

Fi kliem iehor il-gurati setghu jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellanti pprevedew l-esplozjoni u, ghalkemm setghu ma ridux dik l-esplozjoni, jew anke dik l-entita` ta’ hsara, xorta volontarjament ghamlu dak li kienu jafu li x’aktarx ser tikkawza dik l-esplozjoni.

Konsegwentement il-gurati, nonostante l-imprecizazzjonijiet fl-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri, xorta setghu jaslu ghall-konkluzjonijiet li waslu ghalihom dwar il-htija taz-zewg appellanti.

L-ahhar aggravju taz-zewg appellanti jirrigwarda l-piena. Huma jilmentaw dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni t-talba tal-gurati li turi klemenza. Effettivament jirrizulta illi l-gurati talbu l-klemenza fir-rigward taz-zewg appellanti (hames gurati fir-rigward ta’ l-appellant John Polidano u unanimament fir-rigward ta’ l-appellant Silvio Pace). Huwa minnu li l-ewwel Qorti dehrilha li kellha tuza d-diskrezzjoni taghha ai termini ta’ l-artikolu 484 tal-Kodici Kriminali u ma tilqax ir-rakkomandazzjoni tal-gurati ghall-klemenza. Izda fid-dawl tar-rizultanzi processwali, u fid-dawl ta’ dak kollu suespost din il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba tal-gurati kienet gustifikata u l-ewwel Qorti kellha taghti aditu ghat-talba li saret mill-gurati ghall-klemenza. Barra minn hekk tajjeb illi jigi osservat illi l-gurati l-anqas ma kienu unanimi fil-verdett taghhom. Ghalhekk ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fil-konfront ta’ l-appellanti John Polidano u Silvio sive Salvatore Pace u filwaqt illi tirrevokaha in kwantu kkundannathom ghal prigunerija ghall-ghomor, minflok tikkundannahom ghal prigunerija ghal perijodu ta’ ghoxrin sena u sitt xhur bit-tnaqqis taz-zmien li ghamlu taht arrest preventiv, tilliberahom mit-tieni u t-tielet kapi ta’ l-att ta’ akkuza u tikkonferma s-sentenza fil-bqija b’dan illi l-perijodu ta’ xahar ghall-hlas ta’ l-ispejjez ta’ l-esperti jibda jiddekorri millum.

< Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------